disinn hilaryspiteri.com

# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 44 - **SETTEMBRU 2017**

## werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervista: Gioele (Joe P.) Galea | 8 |
| L-intervista: Hsu ChiCheng | 12 |
| L-intervista: Prof. Victor Vella | 14 |
| L-intervista: Raymond C. Grech | 16 |
| Joe Saliba: Poeta umli u ġenwin | 19 |
| Il-mewt tal-poeta Mario F. Bezzina | 21 |
| Imut Amerigo Iannacone | 25 |
| In-Nuċċali - Rakkont ta' Lina Brockdorff | 27 |
| Il-Poeżiji | 29 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 33 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 35 |









Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

F'Ġunju li għadda ħareġ għad-dawl il-fatt li 44.4% mill-Maltin kollha qalu li fis-sena li għaddiet qraw mill-inqas ktieb wieħed. Skont *survey* li saret mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Arti u mill-Fondazzjoni V18, b'*sample* ta' 1500 persuna, 55% ma jaqrawx kotba. 9.3% qalu li qraw ktieb wieħed biss, filwaqt li 35.1% qalu li qraw iktar minn ktieb wieħed fis-sena li għaddiet. Fost l-attivitajiet kulturali l-aktar għal qalb il-Maltin hemm il-festa tar-raħal (67%), iċ-ċinema (42%), siti storiċi (35%), mużewijiet (30%), teatru (32%), kunċerti (34%), wirjiet (31%) u *performances* ta' żfin (12%). Il-kotba l-aktar maħbuba mill-Maltin huma rumanzi tal-imħabba (19.1%), segwiti minn rumanzi *thrillers* jew marbutin mal-ġeneri tal-misteru u tal-orrur (14.6%). 11.3% tal-qarrejja Maltin iħobbu l-ġeneru tal-bijografija u tal-awtobijografija.

Ħareġ ukoll għad-dawl il-fatt li mal-150 student biss fil-livell tas-6th Form jistudjaw lingwa barranija fost is-suġġetti l-oħra. Il-Ministru għall-Edukazzjoni, Evarist Bartolo, wera l-preokkupazzjoni tiegħu u sostna li jeħtieġ isir minn kollox biex min qed jitgħallem u min qed jgħallem l-ilsna barranin ma jsirux speċi li bdiet it-triq lejn l-estinzjoni. Huwa fakkar li tista' tkun tabib jew inġinier prim imma jekk ma tkunx taf l-ilsna barranin tista' titlef opportunità tajba ta' xogħol fi bliet bħal Pariġi, Berlin jew Madrid. Bartolo faħħar proġett pilota reċenti fejn il-*Malta Classics Association* qed tgħallem il-Latin lil studenti tal-ħames sena tal-primarja wara s-sigħat tal-iskola. Il-Ministru qal ukoll li suġġetti bħal dawn, fosthom l-istudji klassiċi, għandhom jiġu mgħallma sa mill-primarja. Naqbel ma' kliemu meta sostna li drajna bl-idea li edukazzjoni tfisser opportunitajiet ta' xogħol, imma għandna niftakru li l-valuri mgħallma mis-suġġetti umanistiċi huma importanti wkoll.

Innutajt li hemm xi wħud li permezz ta' FB iħobbu jberrħu spiss ħsibijiethom dwar bosta kwistjonijiet soċjali, u dan permezz tal-poeżija. Sa hawnhekk ma hawn xejn ħażin. Inħoss però li hija kontradizzjoni kbira li tikteb versi u kummenti kontra n-nuqqas ta' trażżin rigard l-industrija tal-bini u l-qirda tal-ambjent naturali wara li tkun urejt fil-pubbliku u ftit ġimgħat qabel l-orjentazzjoni politika tiegħek favur partit li parti ewlenija mill-programm tiegħu hija favur aktar bini u aktar qirda ta' żoni naturali. Nafu li fuq dawn il-gżejjer nitfa l-ikbar protesta hija t-turija ta' diżapprovazzjoni permezz tal-vot u mhux permezz tal-poeżija, proprju għax bil-poeżija la taqla' ħobż għall-familja u lanqas "tmiss il-kuxjenzi" ta' min suppost għandu d-dmir jipproteġi l-wirt naturali ta' pajjiżna. Niftakru wkoll li l-problema tal-qirda tal-ambjent naturali u l-bini bla rażan fuq dawn il-gżejjer nitfa ma twelditx ilbieraħ imma ilha magħna għexieren ta' snin u taħt gvernijiet differenti wkoll. Fuq in-naħa l-oħra nnutajt ukoll li numru ta' artisti u kittieba bħal qed isemmgħu leħenhom u juru diżapprovazzjoni ġenwina kontra dan kollu. IL-PONT jingħaqad ma' dawn anki billi qed jiddedika paġna b'xogħlijiet ta' protesta f'dan ir-rigward. Bosta donnhom insew li l-bniedem ma jgħixx biss bil-flus. L-ekonomija tal-pajjiż, it-turiżmu u l-industrija tal-bini huma importanti, imma għandu jkun hemm ippjanar intelliġenti u niftakru f'uliedna li għadhom ma twildux. Nistaqsi, 'il quddiem (u dan mhux 'il bogħod ħafna), meta nkunu mifqugħin bil-flus minħabba li pajjiżna jkun ippakkjat bil-konkos u l-bini, kemm se nkunu kuntenti? Fejn se nħarsu biex insibu ftit kwiet, arja nadifa, ftit kampanja jew xagħri fejn jimirħu għajnejna? Id-difensuri tal-progress isejħu dan ħsieb konservattiv u frott għajnejn u moħħ magħluqa. 'Il quddiem mhux kulħadd se jkollu flus biżżejjed biex jaħrab minn pajjiżna sabiex isib ambjent aħjar. Min se jbati? Ibati l-poplu in ġenerali, u din id-darba mhux minħabba nuqqas ta' flus fil-but, imma minħabba li jibda jħossu bħal bhima magħluqa ġo gaġġa tal-konkrit. Ħa nibqgħu naħsbu b'mod egoist jew ħa naħsbu wkoll f'dak li se nħallu lil uliedna fil-ġejjieni?

U dan ireġġagħna lura għas-suġġett tal-importanza tal-istudju tas-suġġetti umanistiċi. Sirna magni ta' kontabilità, b'kapaċità kritika u sensittività neqsin ħafna. Diġà mil-lum bdejna nħallsu għal dan in-nuqqas.

### GĦAD-DELL TAL-GĦAJN TAL-ĦASSELIN

Dan huwa l-isem li ngħata lil serata li l-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ippreżenta nhar it-8 ta' Gunju quddiem l-Għajn tal-Ħasselin hekk kif tkun ser taqbad triqtek lejn il-bajja tax-Xlendi. Il-programm li kien ippreżentat mill-Kav Joe M. Attard fetaħ billi s-sinjura Marita Buttigieg qrat il-poeżija tal-poeta Għawdxi Charles Bezzina, *Mill-Ħajja li nixtieq - B'tifkira tal-Għajn tal-Ħasselin Fontana*. Il-kantanta żagħżugħa Għawdxija mill-Fontana, Francesca Sciberras, kantat il-kanzunetta *Kemm hu sabieħ* ta' Sammy Bartolo u l-kanzunetta *Fejn tħobb il-Qalb* ta' Mike Spiteri, waqt li kienet akkumpanjata mill-pjanista Russa Sofia Narmania. Joe M. Attard qara l-poeżija tal-Avukat Ġorġ Zammit *F'Wied il-Lunzjata*. It-tenur Malti Alan Sciberras interpreta żewġ kanzunetti Maltin oħra li kienu *L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel* u *Xemx* tal-grupp popolari Għawdxi The Tramps akkumpanjat dejjem mill-pjanista Russa. Joe M. Attard qara l-poeżija tiegħu - li kiteb għall-okkażjoni - *Quddiem il-Għajn tal-Ħasselin,* u wara s-Sopran Rosabelle Pavia akkumpanjata minn oħtha Marita Buttigieg kantat il-kanzunetta *Marija ta' Wied il-Għajn* kif ukoll *Festa*. Is-Serata li għaliha kienu preżenti għadd ta' Fontanin, fosthom is-Sindku u l-Kappillan flimkien ma' għadd ta' mistednin oħra, għalqet b'Re-enactment ta' tieġ tipikament Għawdxi mill-Astra Folk Group taħt id-direzzjoni ta' Charles Sacco waqt li kienu servuti *drinks* u ħelu li ssibhom waqt il-festa tat-tieġ.



Waqt mil-Lejla fil-Fontana, Għawdex

### WEBSAJT ĠDIDA GĦALL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ippreżenta l-websajt, li ġiet iddisinjata mill-ġdid, bħala parti minn proġett ta' *rebranding*. Il-karatteristiċi ġodda fuq il-websajt jippermettu aċċess aktar faċli lill-utenti, flimkien ma' konnessjonijiet diretti għall-paġna tagħna fuq Facebook. Il-pubbliku jista' jżur il-websajt fuq www.ktieb.org.mt, b'mod partikolari sabiex jaqra l-aħħar aħbarijiet fuq il-ħafna attivitajiet li jsiru. Utenti ta' Facebook huma mfakkra li meta jsegwu l-paġna tal-Kunsill tal-Ktieb se jirċievu l-aġġornamenti u l-aħbarijiet kollha dwar l-attivitajiet li jitħejjew mill-Kunsill direttament fuq in-News Feed tagħhom fuq facebook .

### IL-KITTIEB LHUDI DAVID GROSSMAN JIRBAĦ IL-PREMJU MAN BOOKER INTERNATIONAL




David Grossman

F'Ġunju 2017 il-kittieb Lhudi David Grossman rebaħ il-Premju "Man Booker International" fil-kategorija Letteratura Fittizzja Tradotta permezz tar-rumanz tiegħu *A Horse Walks into a Bar*. Il-premju ta' 50 elf sterlina Ngliża nqasam mat-traduttriċi Jessica Cohen. L-azzjoni tar-rumanz isseħħ f'belt żgħira f'Iżrael u ddur madwar il-kummidjant Dovaleh Greenstein li jniggeż lill-udjenza tiegħu permezz ta' lingwaġġ vulgari u ċajt aggressiv. Greenstein jibda jitlef mis-saħħa tiegħu bħala attur hekk kif joħroġ għad-dawl id-deċiżjoni fatali u krudili li ħa darba u li minn dakinhar baqgħet tippersegwitah. *A Horse Walks into a Bar* iberraħ l-effetti tan-niket, mingħajr ma jagħti spazju lis-sentimenti. Dan hu ktieb mhux biss dwar Iżrael imma anki dwar popli u soċjetajiet li jaħdmu ħażin. Grossman hu awtur ta' letteratura fittizzja u mhux fittizzja u anki ta' kotba għat-tfal u x-xogħlijiet tiegħu nqalbu f'36 ilsien differenti. It-traduttriċi Jessica Cohen fl-2008 qalbet rumanz ieħor ta' Grossman, *To the End of the Land*. Dan ma kienx l-ewwel rikonoxximent internazzjonali ta' Grossman: rebaħ il-premju "Chevalier de l'Ordre des Arts et des

Lettres" ta' Franza, il-"Buxtehuder Bulle" tal-Ġermanja, il-"Premio per la pace e l'azione umanitaria" ta' Ruma, il-premju għall-paċi ta' Frankfurt u l-premju "Emet" ta' Iżrael. Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni saret fil-Mużew V&A ta' Londra, u r-rumanz tiegħu ntagħżel bħala r-rebbieħ fost 126 rumanz. Fost l-awturi li ħabbtuha ma' Grossman kien hemm il-Lhudi Amos Oz, id-Daniża Dorthe Nors u l-kittieba debuttanti Arġentina Samanta Schweblin.

**CARMEL MALLIA REBBIEĦ TA' KONKORS**

F'Ġunju 2017 Dr. Carmel Mallia rebaħ l-ewwel premju ta' konkors internazzjonali ta' poeżija bl-Esperanto bil-poeżija *Aventuro*. Dan il-konkors isir kull sena fil-Bulgarija taħt l-*aegis* tar-rivista bl-Esperanto "Literatura Foiro" (Fiera Letterarja), fejn mhux l-ewwel darba li dehru xogħlijiet oħrajn ta' dan il-kittieb u poeta Malti.

**SETT SĦIĦ TA' "IL-POLZ" LILL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Il-poeta u kittieb Victor Fenech għadda sett sħiħ ta' "Il-Polz" - l-organu tal-Moviment Qawmien Letterarju - għal-librerija tal-Akkademja tal-Malti li tinsab f'Dar Doreen Micallef, il-Belt. Victor Fenech kellu sehem importanti fil-ħruġ ta' din ir-rivista kif ukoll fil-pubblikazzjoni tar-rivista "Sagħtar" għall-istudenti tal-iskola li wkoll taf il-bidu tagħha mill-Moviment Qawmien Letterarju u tkompliet mill-MUT. Il-preżentazzjoni saret fl-aħħar laqgħa tal-kunsill għas-snin 2015-2017, nhar is-26 ta' Ġunju 2017.



**Fir-ritratt jidhru s-Sinjuri Achille Mizzi, Victor Fenech, Joe Borg (Segretarju) u Dr Olvin Vella (President)**

**Il-FESTIVAL TAL-KTIEB F'GĦAWDEX**

Bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2017 ittella' l-Festival tal-Ktieb f'Għawdex organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Matul din l-attività ta' jumejn seħħew ukoll numru ta' attivitajiet kulturali, u dan fis-Sixth Form Sir M.A. Refalo fir-Rabat, Għawdex. It-tema kienet marbuta mal-letteratura u l-poeżija taż-żgħażagħ. Matul l-14 ta' Lulju ħadu sehem għadd ta' kittieba distinti u li ttrattaw fil-letteratura tagħhom kwistjonijiet marbutin maż-żgħożija: fost dawn, Leanne Ellul, Antoinette Borg, Matthew Schembri, Roberta Bajada, u rebbieħa oħrajn tal-"Konkors Letterarju – Rumanzi għaż-Żgħażagħ", li hu organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ. Bħala parti mill-programm skolastiku għas-sajf, ġew mistiedna studenti tal-Iskola Sajf minn Malta u Għawdex, flimkien mal-ġenituri u l-għalliema tagħhom. Il-poeżija kienet iċ-ċentru tal-attivitajiet li seħħew fil-15 ta' Lulju. L-attività ewlenija kienet iddedikata lill-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani u matulha nqraw siltiet mix-xogħol tal-poeta. Ħadu sehem matul l-attivitajiet il-Prof. Michael Zammit u l-poetessa Maria Grech Ganado, flimkien ma' għadd ta' djar tal-pubblikazzjoni: Faraxa, Glen Calleja and EDE books, Horizons, MCA (Malta Classics Association), Merlin, Midsea, u SKS.

**KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ**

Wara sentejn ta' impenn, il-Kumitat tal-Għaqda tal-Malti – Università għalaq il-ħidma tiegħu għas-snin 2015-2017. Għalhekk, nhar is-Sibt 15 ta' Lulju 2017, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali fil-*Common Room*, Dar l-Istudent, l-Università ta' Malta. Il-Kumitat il-Ġdid issa hu magħmul minn: President: Sephora Francalanza; Viċi President: Amy Camilleri; Segretarja: Bernice Magro; Ass. Segretarju: Joseph Charles Galdes; Teżorier: Mariano Formosa; Ass. Teżoriera: Claire Gouder; URP: Rachelle Deguara;



**Il-kumitat il-ġdid tal-Għaqda tal-Malti - Università**

Ass. URP: Shanna Spiteri; u l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, L-Università ta' Malta: Dr. Bernard Micallef. Minn hawn nifirħu lill-kumitat il-ġdid u nawgurawlu suċċess.

**KUNSILL ĠDID GĦALL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Nhar il-21 ta' Lulju saret il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja tal-Malti. F'din il-Laqgħa Ġenerali nħatar kunsill ġdid għas-snin 2017-2019. Fi tmiem il-laqgħa, is-Sinjura Marlene Mifsud Chircop ippreżentat sett sħiħ tar-rivista "Analiżi" li kien joħroġ żewġha, il-mibki Dr Ġorġ Mifsud Chircop, għal-librerija tal-Akkademja f'Dar Doreen Micallef. Il-membri tal-Akkademja tal-Malti, li nħatru riċentament ingħataw karigi ġodda, wara li saret l-ewwel laqgħa tal-kunsill il-ġdid: President: Dr Mario Cassar; Viċi President: David Agius Muscat; Segretarju: Joseph P. Borg; Assistent Segretarju: Reno Fenech; Teżorier: Phyllis Debono; Assistent Teżorier: Ann Marie Schembri; Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Sergio Grech; Membri: Dr Olvin Vella, Dr George Farrugia, Rita Saliba u Charles Casha.




Is-Sinjura Marlene Mifsud Chircop u Dr. Mario Cassar

**"SCIENCE FICTION SYMPOSIUM" FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Nhar il-21 ta' Lulju sar is-"Sci-Fi Symposium 2017" f'kollaborazzjoni mal-Humanities, Medicine and Sciences Programme (HUMS) fi ħdan l-Università ta' Malta. Dan seħħ fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Fost il-parteċipanti f'dan is-simposju: Victor Grech, li ttratta "Telepathic pathology in Star Trek"; Martha Zammit, "Catching up with the Invisible Man"; Mariella Scerri li qrat il-*paper* "Post-Lamarckian Superheroes", koawturata flimkien ma' Peter u Victor Grech; Bridget Ellul, "The Alcohol Culture in Star Trek"; Stefan Vella, "Constitutionalism in Science Fiction"; u David Zammit, "Evil Doctor Ethical Android". Waqt l-avveniment ħadet sehem ukoll Pamela Boyer - li ma kinitx preżenti - permezz tar-*recording* u preżentazzjoni *Power Point* bl-isem ta' "Stigma and X-Men". Il-pubbliku preżenti ppparteċipa billi berraħ l-ideat u r-reazzjoniiet tiegħu wara l-qari ta' kull *paper*.

**FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA 2017**

It-tnax-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta organizzat minn Inizjamed ittella' nhar l-24, il-25, u s-26 ta' Awwissu, fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta, bis-sehem ta' awturi ewlenin minn tmien pajjiżi, fosthom ir-rumanziera minn Myanmar Ma Thida, l-awtur Palestinjan Mourid Barghouti, u l-awturi ewlenin Maltin Immanuel Mifsud u Alfred Sant. Minbarra l-qari ta' novelli u poeżiji minn 12-il awtur u awtriċi differenti minn tmien pajjiżi, kien hemm mużika, kotba għall-bejgħ, films tal-poeżija Maltin u barranin, illegar artiġjanali tal-kotba, xorb u ikel magħmul mill-*Migrant Women Association Malta*. L-awturi kollha mistiedna għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival kienu John Aquilina (Ir-Renju Unit/Malta), Asja Bakić (il-Bosnja Ħerżegovina), Mourid Barghouti (il-Palestina), Lilia Ben Romdhane (it-Tuneżija), Mark Camilleri (Malta), Immanuel Mifsud (Malta), Jean Portante (il-Lussemburgu), Alfred Sant (Malta), Zoë Skoulding (Wales), Ma Thida (Myanmar), Arvis Viguls (il-Latvja), u Gjoko Zdraveski (ir-Repubblika tal-Maċedonja). Il-qari sar l-aktar bil-Malti u bl-Ingliż, imma nqraw ukoll xi xogħlijiet bil-lingwa oriġinali. Din is-sena kien hemm ukoll erba' avvenimenti pubbliċi speċjali li saru qabel il-festival. Barra minn hekk, matul il-ġimgħa tal-festival, l-awturi mistiedna ħadu sehem f'laboratorju tat-traduzzjoni mmexxi minn Keith Borg u Nadia Mifsud li fih ittraduċew ix-xogħlijiet ta' xulxin biex imbagħad qraw uħud minnhom waqt il-Festival. Fl-ewwel avveniment pubbliku ta' qabel il-Festival saru intervisti mal-awturi dwar temi kurrenti. Dan seħħ fil-21 ta' Awwissu, fi Spazju Kreattiv, fi Pjazza Kastilja, il-Belt. F'din il-laqgħa mal-pubbliku, "Leaning against the Edge," il-poeta Rodolfo Häsler minn Kuba li jgħix Barċellona tkellem ma' Jean Paul Borg dwar art

twelidu u l-bidliet li għaddejja minnhom, u dwar Spanja u r-reġjun tal-Katalonja. It-tieni avveniment pubbliku li sar fit-23 ta' Awwissu, kien laqgħa mill-qrib mal-awtur eklettiku minn Singapore Marc Nair, "Busy Telling Stories", fi Spazju Kreattiv ukoll. L-awtur ġie intervistat mis-soċjologa Anna Zammit dwar l-isfidi li tgħix fi gżira bħal Singapore u l-mudell ta' żvilupp li sikwit huwa assoċjat magħha. Fl-24 ta' Awwissu ttellgħet sessjoni ta' qari miftuħ għal kulħadd fis-sensiela tal-palk ħieles li fih ħadu sehem ukoll xi organizzaturi tal-festivals li huma wkoll awturi stabbiliti u kienu Malta għall-Festival. Waħda minn dawn il-kittieba kienet Jennifer Williams tal-i*Scottish Poetry Library*. Ir-raba' attività kienet it-tnedija minn *Literature Across Frontiers* ta' sit tal-letteratura Kurda li saret fil-kappella li hemm fil-Piazza d'Armi tal-Forti Sant'Iermu, nhar is-26 ta' Awwissu. Dan l-avveniment tmexxa minn Alexandra Büchler, direttriċi tal-LAF, u fiha ħadu sehem l-awturi Ciwanmerd Kulek (il-Kurdistan/it-Turkija), Ezel Yilmaz (mid-*Diyarbakir Arts Centre*), u Monique Agius. Din it-12-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, flimkien mal-laboratorju tat-traduzzjoni tal-*Literature Across Frontiers*, ittellgħu minn Inizjamed bħala parti mill-pjattaforma *Literary Europe Live*, ikkofinanzjat mill-programm Ewropa Kreattiva tal-UE, u kkordinat minn *Literature Across Frontiers.* Għadd ta' organizzaturi ta' festivals li bħal Inizjamed huma msieħba f'*Literary Europe Live* kienu Malta apposta biex jattendu għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival. Il-Festival ittella' bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti, il-Fondazzjoni Valletta 2018, *Heritage Malta*, l-Għaqda tal-Malti – Università, Spazju Kreattiv, u *Highlight Arts*. Dan il-Festival ingħata rikoxximent internazzjonali permezz tat-timbru tal-*EFFE Europe for Festivals*, *Festivals for Europe.*



**Il-kittieb Palestinjan Mourid Barghouti**

**L-ONORIFIĊENZA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Reġa' wasal iż-żmien li l-Akkademja tal-Malti tonora b'midalja tad-deheb lil dik il-persuna li tul ħajjitha tkun ħadmet bis-sħiħ u tat kontribut eċċezzjonali biex jiżdied l-interess fl-ilsien Malti u l-letteratura tiegħu. F'Awwissu l-imsieħba tal-Akkademja tal-Malti innominaw dik il-persuna li fl-opinjoni tagħhom ħadmet għall-ilsien Malti u jixirqilha dan l-unur. Il-midalja tingħata f'Jum l-Akkademja (14 ta' Novembru 2017) mill-President ta' Malta f'ċerimonja f'wieħed mill-palazzi tal-President u li għaliha jkunu mistiedna l-membri kollha flimkien mal-qraba tar-rebbieħ. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-midalja tista' tingħata lil aktar minn persuna waħda fl-istess ċerimonja, skont kif tiddeċiedi l-ġurija. Il-ġurija hija magħmula mill-President tal-Akkademja, il-President tal-Kunsill tal-Malti u l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Din l-onorifiċenza tnediet mill-Akkademja fl-2016 u l-ewwel midalja ngħatat lill-Prof. Oliver Friggieri. L-investitura saret mill-E.T. l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fis-Sala tat-Tron, fil-Palazz il-Belt.

**KONKORS TAL-POEŻIJA 'MONS. AMANTE BUONTEMPO' 2017**

Bħal kull sena l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'Lulju nediet il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija 'Mons. Amante Buontempo' għall-2017. Il-kompetituri jipparteċipaw billi jibagħtu sa tliet poeżiji kull wieħed bil-Malti, kull poeżija mhux itwal minn sitta u tletin vers, u dawn iffirmati biss bi psewdonomu. F'dan il-konkors jiġu ppremjati l-poeżiji kklassifikati fl-ewwel tliet postijiet. L-ewwel poeżija tingħata €400, it-tieni poeżija tingħata €200, u t-tielet poeżija tingħata €100. Il-premijiet jistgħu ma jingħatawx jekk ma jintlaħaqx il-livell mistenni f'kompetizzjoni bħal din. Il-ġurija f'dan il-każ hija magħmula minn tliet membri: wieħed magħżul mill-Għaqda Poeti Maltin u tnejn mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Premijiet huma ġentilment mogħtija mill-fondi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Ir-riżultat tal-Kompetizzjoni jitħabbar waqt attività speċifika matul il-jiem tal-Festival tal-Ktieb li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jorganizza f'Novembru. Is-serata ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017.

**E-mail mingħand Joseph Sciberras, it-3 ta' Ġunju 2017.**

Grazzi, Patrick.

Rivista imprezzabbli, fiha informazzjoni kbira u ta' valur letterarju.

Inkun nixtieq naqraha malajr biex nara x'fiha imma kitba bħal din trid il-ħin jekk mhux il-ġranet biex tapprezzaha .

Saħħa a sliem

Joe

**E-mail mingħand Joe Camilleri, it-3 ta' Ġunju 2017**

Għażiż Patrick,

Radd il-ħajr ta' ħarġa oħra ta' IL-PONT. Prosit tassew. Nammira u napprezza qatigħ il-ħidma u l-inizjattivi tiegħek b'risq ilsienna u l-letteratura li wara kollox hi l-espressjoni artistika ta' poplu.

Tislijiet mill-qalb.

Joe Camilleri
Ir-Rabat, Għawdex

**E-mail mingħand Michael Zammit, l-4 ta' Ġunju 2017**

Grazzi wisq. Stupend bħas-soltu. Imburġat b'tagħrif u kitba tajba Maltija. Kemm nixtieq li lkoll nagħmlu sforz biex inxerrdu IL-PONT ma' aktar u aktar nies, speċjalment fost iż-żgħażagħ li forsi għad ma daqux il-benna tal-Malti meta mħaddem sewwa. Intenni l-ammirazzjoni u r-ringrazzjament tiegħi lejk li mbarkajt fuq missjoni hekk sabiħa.

Michael

**E-mail mingħand Miguel Cauchi, it-23 ta' Ġunju 2017**

Għażiż Sur Sammut,

Nixtieq l-ewwel nett nifraħlek għal din ir-rivista letterarja elettronika; tassew hi interessanti speċjalment għal dawk li huma namrati tal-letterattura. Nixtieq ukoll nifraħlek għall-mod kif tgħaqqad u tippreżent mużajk ta' informazzjoni bħal dan. Nimmaġina is-sodisfazzjon li tħoss meta tara l-prodott finali u taqra r-reazzjonijiet tal-qarrejja tiegħek huwa wieħed kbir - nista' nagħmel dan għax jien kont nieħu ħsieb il-gazzetta tal-iskola Sekondarja f'isem sħabi l-istudenti.

Bħalissa jiena student tal-*Junior College* u sa qabel l-eżamijiet kont qed nattendi l-Klabb tal-Qari u l-Kitba bil-Malti, immexxi minn wieħed mil-qarrejja tiegħek, is-Sur Joseph Vella. Infatti kien hu li introduċini għar-rivista tiegħek.

Nawguralek li tkompli għaddej b'din il-produzzjoni hekk eċċellenti.

Tislijiet,

Miguel Cauchi.

**Ittra mingħand Ġorġ Borg, l-14 ta' Lulju 2017**

Għażiż Patrick,

Tassew imbierek int li tieħu inizzjattiva bħalma hi din tar-rivista IL-PONT u tagħti tagħrif dwar awturi u aħbarijiet letterarji, intervisti, kritika u pubblikazzjonijiet ta' kitbiet letterarji, u mhux b'anqas, informazzjoni ta' kotba malli joħorġu fis-suq Malti jew għall-Maltin, kemm bil-Malti kif ukoll b'lingwi oħra. L-entużjażmu tiegħek jgħaġġibni. Tagħmel tajjeb li tinkludi lil kulħadd kemm tista'. Malta għandha bżonn rivisti żgħar ta' din ix-xorta, u kif!

Insellimlek minn qalbi,

Ġorġ Borġ



## INTERVISTA MA' GIOELE (JOE P.) GALEA

**Il-personalità tiegħek tfakkarni f'dik ta' Thomas Merton. Anki hu kien bniedem spiritwali li għażel li jgħix 'il bogħod mill-folla u mill-istorbju. Xi tgħid dwar dan?**

X'nista' ngħid? Bla dubju, l-irħieb jixbhu xi ftit lil xulxin. Dak li jmexxihom lejn is-solitudni huwa l-għatx għall-Assolut, l-għatx għal Alla. L-għatx li mexxa lil Thomas Merton lejn il-monasteru kien l-istess għatx li mexxa lili lejn l-eremitaġġ. Nemmen ukoll li kien dan l-għatx li qanqal lil Merton biex jikteb. Fil-każ tiegħi huwa dan l-għatx li jixprunani. Dejjem minn dan l-għatx ktibt jien. Dejjem. Għalija, l-għatx għall-Assolut hu l-bidu tal-għarfien tiegħi nnifsi bħala bniedem. Huwa dan l-għatx li jżommni ngħarrex; huwa hu li jżommni nikteb. Nikteb, u naf li l-misteru jisboqni għal kollox. Merton dan kien jafu wkoll. U filwaqt li jiġri wara l-kelma kien ukoll ossessjonat biex jidħol fi skiet akbar. Fil-fatt, wara ħafna stennija, kien ingħata l-permess li jgħix fuq il-periferija tal-monasteru tiegħu stess bħala eremit. Kif taf, jien ukoll għext l-esperjenza tal-eremitaġġ.

**Il-versi tiegħek huma spiritwali li lili jfakkruni anki fil-versi tal-patri Franġiskan Marjanu Vella. Stilistikament jistgħu jinqraw bħala versi sempliċi li jaħjuk, imma mbagħad huma wkoll versi li għandhom livelli differenti ta' profondità. Kemm hu veru minnu dan?**

Il-kliem tiegħi huwa metafora. Jien qatt ma nieqaf fuq l-oġġett li nara għalih innifsu. L-oġġett quddiem għajnejja hu dejjem il-bieb, biex ngħid hekk, li minnu ngħaddi għal-livelli aktar profondi tal-eżistenza. Lili ma tinteressanix il-qoxra fiha nnifisha. Dak li jinteressani dejjem hu dak li hemm warajha, is-saffi li jiġu taħtha.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, iva, vrusi jistgħu jidhru ħfief. Imma le, mhumiex. Ma jistgħux ikunu. Qabel jinkitbu, vrusi ġieli għamlu xhur, biex ma ngħidx snin, iduru fija, jagħsru u jagħsru minni dak li hemm x'jingħasar. Jien ma niktibx f'ewforja ta' kliem. Jien nikteb f'weġgħa eżistenzjali profonda, u bi vrusi ma naspirax li noffri jekk mhux il-qatra essenza, il-qatra sens li nemmen li nkun sibt. Forsi din tiegħi tinħass preżunzjoni. Ma jimpurtax. Jien ma ngħidx li wasalt jew li għad nasal. Imma l-aspirazzjoni hemm qiegħda, u hija hi li tmexxini.

Inti semmejt li vrusi jistgħu jaħjuk. Forsi hu minnu dan li qed tgħid. Ngħid għalija, lili ma jaħjunix. Lili jħalluni dejjem bil-għatx, b'għajnejja ffukati lil hinn minnhom. Vrusi għalija mhumiex kisba (u hawn nidher – imma nidher biss – qed nikkuntradixxi dak li għedt aktar 'il fuq), vrusi huma ħofor. Vrusi mhumiex libsa. Vrusi huma għera. L-għera ta' ruħi.

Iva, noffri ruħi fi kliem sempliċi. Imma akbar ma hi kbira s-sempliċità, aktarx akbar hi d-diffikultà tal-għajnejn rozzi biex jippenetrawha. Min jifhem jaħkimni b'mod sħiħ għax kliemi hu sempliċi, naħseb li jitqarraq. Min jista' qatt jifhem lil ħaddieħor b'mod sħiħ?

**Meta naqra l-versi tiegħek tiġini mistoqsija f'moħħi: kemm versi bħal dawn jappellaw għaż-żgħażagħ? Kif inhuma milqugħin miż-żgħażagħ? Kif inhuma milqugħin minn qarrejja ta' etajiet oħrajn?**

Meta nikteb, jien ma jkollix udjenzi quddiemi. Ma jkollix etajiet, jew dehriet immaġinarji ta' faxex ta'

nies li noħlomhom jintlaqtu minn vrusi. Le. Jien nikteb minn ħtieġa li nikteb, minn ħtieġa li nħalli l-misteru li nkun maħkum minnu jissarraf f'sillabi, fi ħsejjes. U nikteb mill-qagħda li nkun fiha. Ruħi, biex ngħid hekk, titkellem skont il-profonditajiet li tikseb. Titkellem mill-istatura tagħha, żgħira kemm hi żgħira.

Ikolli nistqarr li qatt m'għaddieli minn rasi li nistaqsi lili nnifsi, pereżempju, kif qed jintlaqgħu miż-żgħażagħ. Forsi għax jien iffukat fuq il-ħajja tal-ispirtu, u l-ispirtu m'għandux etajiet? Ma nafx! Jista' jkun.

Li nista' ngħid hu dan: qarrejja għandi. Jaqrawni kemm żgħażagħ u kemm anzjani. Min jaqrani u jibqa' jaqrani, jagħmel dan għax jintlaqat b'xi mod. Ma nolqotx lil kulħadd l-istess, u ma nolqotx lil kulħadd bl-istess biċċa xogħol. Min jintlaqat minn ħaġa, min minn oħra.

Minn ħafna, xogħli hu milqugħ b'rispett, b'rispett kbir. Dan jixhduh il-kummenti li nirċievi fil-privat. Ħaġa li kull kumment isemmi hija l-profondità fi vrusi – hekk jgħiduli. X'ngħid dwar dan? Ngħid li dak li rċevejt, jien irċevejtu bi grazzja – bi grazzja mingħand Alla li nemmen fih.

**Xi tgħid dwar dan il-poplu tagħna llum rigward it-twemmin jew l-ispiritwalità? Inkun korrett jekk ngħid li fil-versi tiegħek mhemmx il-livell soċjali, imma biss espressjoni ta' kuxjenza li jinteressaha minn dak li jmur lil hinn minn dak li hu materjali?**

L-ispritwalità ma tmut qatt. Sakemm il-bniedem jibqa' bniedem, l-ispiritwalità se tibqa'. Meta qed nitkellmu minn spiritwalità f'dan il-kuntest, qed nitkellmu mill-għatx tal-bniedem, u minn kif dan l-għatx qed jingħex mill-istess bniedem. M'hemmx dubju, il-poplu tagħna huwa wkoll poplu bil-għatx. Huwa bil-għatx għas-sens, għad-direzzjoni. Jidhirli, imma, li qed infittxu li naqtgħu dan l-għatx fejn qatt ma jista' jinqata'. Qed nippruvaw nitimgħu lil ruħna l-flus, il-ġid, l-għana materjali. Dan ma jxebbagħniex. Fl-aħħar mill-aħħar dan qed iħallina vojta. Bla dubju għandna ħafna kliem, u kliem fuq kliem. Imma kliemna għandu sens aħħari? Għandu ruħ? Għandu viżjoni? Mnejn se tiġi l-viżjoni jekk m'aħniex kapaċi nisktu, u fis-skiet inħarsu, qabel xejn, lejna nfusna, fid-dawl ta' Misteru akbar minna?

Lili, iva, jinteressani l-aktar "dak li jmur lil hinn minn dak li hu materjali." Imma hawn ippermettili: dak li jmur lil hinn minn dak li hu materjali għandu dejjem u bilfors effett fuq dak li hu materjali! Jekk jien nindirizza l-ġewwieni, dan nagħmlu wkoll biex forsi 'fuq barra' (ippermettili l-espressjoni) ngħix aktar ta' nies. Jekk aħna nies, aħna nafu li m'aħniex biss qoxra, pupi taċ-ċarruta mimlijin bit-tiben. Il-ħajja tiegħi mal-bqija hi frott tal-ħajja tiegħi miegħi nnifsi. Nagħtik minn dak li għandi; dak li m'għandix ma nagħtihulek qatt. Il-paċi, pereżempju, nagħtihielek biss jekk għandi paċi fija nnifsi. Jien nagħżel li niffoka fuq din l-interjorità, bit-tama li din tagħti togħma lis-soċjetà li ngħix fiha.

**Il-kelma bħala talba, adorazzjoni, twaħħid mal-figura ta' Kristu li bata, tiftix ta' dak li hemm mistur fil-profondità tal-'jien', l-'OM' li teħles lill-kelma minn dak kollu li hu żejjed, oxxen, u żżomm biss dak li hu essenzjali biex noqorbu lejn dak li hu perfett. Żgur li dan kollu jinħass fil-versi tiegħek. Xi tgħid dwar dan kollu?**

Il-kelma poetika tiegħi twieldet minn esperjenza qawwija: l-esperjenza tal-Misteru ta' Kristu preżenti fil-qalba tal-ħolqien, tal-materja. Ma kontx jien li fittixt din l-esperjenza. Kienet hi – biex ngħid hekk – li għazlet lili. Il-waqt li fih għażlitni, kien l-istess waqt li ngħatatli l-kelma. Ma kienx minn jeddi li ersaqt lejn il-kitba. Il-kitba kienet riżultat tal-esperjenza li semmejt. Dan ma kont qatt noħolmu, u wisq inqas nistennieh.

Issa: quddiem dan il-misteru ta' eżistenza ħierġa l-ħin kollu (ippermettili l-espressjoni) mill-vixxri ta' Kristu, jien ma jibqagħlix għażla oħra jekk mhux din: li nħalli lili nnifsi nitneżża' minn dak kollu li hu żejjed, biex noqrob, kemm jista' jkun lejn is-safa tal-viżjoni. Bla dubju, il-mixja lejn dan is-safa hi mixja iebsa. Iebsa tassew. Daqskemm ili nikteb, daqshekk ili nissara biex niddistilla u niddistilla l-intuwizzjonijiet tiegħi.

Illum wasalt fi stat li ngħid: għall-poeżija tiegħi ma rridx aktar kliem; irrid li l-kliem isir poeżija. Illum ma rridx aktar poeżija mlibbsa l-kliem. Illum irrid kliem għarwien. Kliem li hu r-ruħ. M'hemmx poeżija ogħla mir-ruħ fil-bniedem.

**Il-Bibbja bħala sors ewlieni ta' ispirazzjoni. Liema huma l-għejun l-oħra li jixprunawk biex tikteb?**

Is-sors ewlieni tal-ispirazzjoni tiegħi hija l-laqgħa mal-misteru tal-Imħabba, kif għedt hawn fuq. Dan il-misteru jitwieżen mill-Iskrittura, u jsib is-sens tiegħu, u t-tweġibiet għalih (jekk nista' nitkellem hekk) fiha.

Għejun oħra? Il-bniedem innifsu, bil-ferħ u n-niket tiegħu, bid-disperazzjoni u l-uġigħ kollu tiegħu. Fil-bniedem insib kollox, anki l-misteru ta' Alla.

F'Novembru li ġej, jekk Alla jrid, il-Horizons se jippubblikaw l-ewwel ktieb ta' proża tiegħi. Huwa speċi ta' djarju mill-eremitaġġ, djarju li jitkellem dwar dan li għadni kemm kellimtek fuqu.

**Il-bidu, it-tmiem u lil hinn. Bejn l-ewwel tnejn donnu m'għandu jkun hemm xejn għajr is-skiet u r-riflessjoni, biex fl-aħħar mill-aħħar ma nħossuhiex taħsadna l-'qabża' lil hinn fil-waqt tal-mewt. Reazzjonijiet?**

Donnu. Imma mhuwiex eżattament hekk. Ir-riflessjoni tinkiseb mill-għixien tal-ħajja fl-irqaqat kollha tagħha, kif tippreżenta ruħha. U l-istess is-skiet. Is-skiet ma jinkisibx jekk mhux billi nħallu l-ħajja tiżborna, tiftħilna għajnejna għal dak li hu essenzjali, għal dak li tassew jiswa'. Is-skiet jinkiseb mill-għixien tal-ħajja. Il-ħajja ma tistax tkun ħarba. Il-ħajja jeħtieġ li tkun tħaddina tar-realtà, anki jekk din issallabna. Naf: dan li qed ngħid hu iebes. Imma huwa fatt, dik li teħodna 'l ġewwa fina nfusna – u għalhekk fil-misteru tagħna bħala bnedmin – hija t-tbatija. Bejn il-qiegħ tat-tbatija u l-qiegħ tal-mewt forsi m'hemmx distanza wisq! Il-mewt kif nemminha u nifhimha jien, mhijiex it-tmiem ta' kollox, imma l-mogħdija, il-passaġġ lejn dimensjoni oħra – id-dimensjoni fejn l-'issa' ma jgħaddi qatt, għax hu l-issa ta' Alla.

**Inħoss li element importanti fi vrusek huwa anki d-dinja naturali kemm fuq livell mikro- u anki makrokożmiku. Fihom hemm dan id-djalogu mad-dinja naturali. Huma versi li jfakkruna li aktar kemm il-bniedem jitbiegħed min-natura aktar qed jitbiegħed mill-oriġni tiegħu u fl-istess ħin qed jinża' minn dak kollu li jagħmlu ħlejqa mhux biss tad-demm u l-laħam imma anki spiritwali. Xi tgħid dwar dan?**

Il-bniedem ma jasalx jeqred in-natura ta' madwaru jekk mhux wara li jkun beda jeqred lilu nnifsu. U l-qerda tagħna nfusna tibda hawn: mill-adorazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex denju li jkun adurat! Jekk, pereżempju, nadura l-flus, ma nistax nippretendi li moħħi ma jsirx flus, li ħajti ma ssirx flus, li jien nogħla 'l fuq mill-flus. Imma l-flus huma biss mezz, u qatt wasla fihom infushom. Il-flus ma jistgħu qatt iwassluni għas-sens veru u profond tal-ħajja. Hekk, l-oġġett li jkun għall-qadi tiegħi, isir alla tiegħi li jagħmini – jagħmini għall-istess dinjità tiegħi bħala bniedem imsejjaħ biex l-ewwel ħakma nagħmilha fuq il-passjonijiet bla rażan tiegħi. Mitlufa l-viżjoni ta' din id-dinjità, x'rispett jista' qatt ikun hemm lejn in-natura ta' madwarna?

**Donnu fil-lingwaġġ li inti tuża fil-versi tiegħek hemm dik ix-xiħaġa li tiġbdek, tħajrek tiskopri dak li hu spiritwali fina. Hu lingwaġġ frisk li b'xorti ħażina mhux qed jintuża minn dawk li suppost qed jagħmlu minn kollox biex iqarrbu mhux ibiegħdu lill-kotra minn dak li hu spiritwali fina. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Li nista' ngħid hu dan: ħadd ma jista' jagħti minn dak li m'għandux. Naħseb li kulħadd jikteb skont dak li jisma' f'rasu. Min jisma' l-istorbju, jikteb l-istorbju. Min jisma' s-skiet, jikteb is-skiet. Jien nipprova nikteb dak li jidhirli li nisma'. Jalla ma jkun qatt storbju dak li jimlieli rasi. L-istorbju, xi darba jew oħra jmut, jiskot. Is-skiet li hu vera skiet, dak hu mimli bis-sens u bil-ħajja, u dak ma jmutx. Dak anki taħt l-istorbju jgħix, u xi darba jqum. Qed nirreferi għas-skiet li hu l-maqlub tal-frammentazzjoni, is-skiet bħala l-milja.



**Aħfirli din l-aħħar kurżità: x'inhi d-differenza bejn Joe P. Galea u Patri Ġoel? Dejjem jekk hemm waħda....**

M'hemm ebda differenza. Huma l-istess wieħed. Joseph Peter hu l-isem li ngħatajt meta twelidt. Gioele kien l-isem li ngħatajt – kif inhi d-drawwa – fl-eremitaġġ.

L-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħi kienet ippubblikata qabel ma bdejt il-ħajja b'mod uffiċċjali fl-eremitaġġ. Minħabba f'hekk ħarġet taħt l-isem li bih kont magħruf. Biex ma nħawwadx imħuħ, fil-ġabriet li ħriġt wara, bqajt nuża l-istess isem.

Madankollu issa ddeċidejt li nżomm biss l-isem ta' Gioele, il-verżjoni Taljana ta' Ġoel. Il-għala Gioele u mhux Ġoel? Gioele tawni l-Italja. Nibqa' b'dak.

### XITA

Toqtor ix-xita,
toqtor
l-uġigħ mill-firmament.
Jimtela fomm il-warda
miftuħ diġà b'turment.

Ftit ieħor biss
- kemm aktar? -
u ċċedi kull petala.
'Ma x-xita, ix-xita toqtor
minn jgħid
kemm għad baqgħalha?

**(Minn *Bla qiegħ*, Horizons, 2015)**

### X'SE JKUN?

L-Assenza int, l-Assenza
tassalta l-bwieb ta' ruħi,
trid tisfrund'hom u titfi
il-fjamma li nżomm taqbad
biż-żejt prezzjuż ta' dmugħi.

L-Assenza int! U nilheġ
għan-nifs nirreżistik.

X'se jkun la tkun sfrundajtni
u tfejtli wkoll il-fjamma
li ħlomt inżomm għalik?

**(Minn *Bla qiegħ*, Horizons, 2015)**

### IMNEJN?

Li l-qatra tal-ilma
u l-qatra tad-dmija
ma waqgħu mixgħula,
ma waqgħu mikwija,
imnejn konna niġbru
ix-xrara tat-tama
f'dis-siegħa ta' kesħa,
f'dis-siegħa mudlama?

Imnejn konna nkebbsu
l-imsiebaħ f'idejna
li ġenbek ma tberraħ
sew sew taħt għajnejna?

**(Minn *Dmija fuq il-borra*, P.E.G. Ltd., 2009)**

### JINXEF IL-VIT…

Ma ġara qatt,
ma ġara mkien
li satal far
b'taqtir iż-żmien.

La l-ilma jkun
laħaq ix-xfar
jieqaf il-ħin,
jieqaf il-qtar.

Jinxef il-vit
għal kull maħluq
ma' lħuq ix-xfar,
fil-waqt tat-tluq.

**(Minn *Dmija fuq il-borra,* P.E.G. Ltd., 2009)**




## AN INTERVIEW WITH POET HSU CHICHENG:

Hsu Chicheng, li twieled fl-1939, huwa poeta Ċiniż kontemporanju. Huwa jikteb u jittraduċi, nattiv tal-kontea Pingtung fit-Taiwan; kiseb Baċellerat fil-Liġi mill-Università Soochow; aktar tard kompla l-istudji tiegħu fl-Istitut tal-Edukazzjoni tal-*Kaohsiung Normal University.* Kien editur, ġurnalist, ġudikatur militari, għalliem u direttur *part-time*, u membru ewlieni u għalliem gwida ta' għadd ta' organizzazzjonijiet tal-arti u l-letteratura. Għallem għal 33 sena u llum huwa rtirat. Sa minn żmien tfulitu kellu għal qalbu l-letteratura u l-kitba. Beda jippubblika xogħlijietu sa mill-1960, bosta minnhom poeżiji u proża, fejn ipinġi art twelidu, ħajja u natura idillika, u jkanta u jfaħħar in-naħa s-sabiħa tal-esperjenza umana. Dan jagħmlu biex iħeġġeġ lill-bnedmin biex jingħaqdu flimkien u jagħmlu ħwejjeġ tajbin. Ippubblika ħdax-il ġabra ta' poeżiji, inkluż *Half Sky Birds*, u oħrajn ippubblikati fl-ilsna Ċiniż-Ingliż, Ċiniż-Grieg, Ċiniż-Mongolu, u Ċiniż-Ingliż-Ġappuniż. Ippubblika wkoll disa' ġabriet ta' proża, inkluż *Excellent Seedling*, flimkien ma' żewġ traduzzjonijiet. Ħafna mill-poeżiji tiegħu ġew tradotti f'bosta ilsna u inklużi f'għadd ta' antoloġiji poetiċi. Ix-xogħlijiet ta' proża u teatrali rebbħuh għadd ta' premji, u ismu huwa inkluż f'pubblikazzjonijiet bħal-lista ta' *Celebrities of The Republic of China*, *Who's Who?* u *2000 Outstanding Intellectuals of the 21st Century*, it-tnejn ippubblikati miċ-Ċentru Internazzjonali tal-Bijografija f'Cambridge, l-Ingilterra. Kiseb dottorati onorarji fil-qasam tal-letteratura, fosthom mill-*U.S. World Academy of Arts and Culture,* u ngħata l-premju kommemorattiv mill-Klabb Letterarju "Xasteron", fil-Greċja, u l-premju onorarju *Naji Naaman* fil-Lebanon. Ġie nnominat għall-Premju Nobel fil-Letteratura, 2014. Hsu ChiCheng illum hu konsulent *part-time* tal-"Large Ocean Quarterly", editor taċ-"Chinese Modern Poetry Quarterly", l-editur ewlieni ta' "The World Poets Quarterly", u president tal-fergħa f'Taiwan tal-*Cai Hong Ying Pen Society*, fl-Awstralja. Huwa membru tal-*International Writers and Artists Association*, u membru onorarju tal-Klabb Letterarju "Xasteron", fil-Greċja. [**Nota**: it-tweġibiet bl-Ingliż tħallew kif mibgħuta mill-intervistat.]

**Describe in brief your native country Pingtung County, Taiwan.**

My native country Pingtung County is in the south of Taiwan. The residents are almost peasants, especially of the village I born and grew up. It doesn't above 10 families. We plant paddy, beans, vegetables, bamboo, sugar and fruits etc. It's a paradise out of the mortal world in my mind.

**Can you share with us some of the memories or episodes you recall from your childhood days?**

I'm happy and free in my childhood days. I often bare myself to play and run all over my village and field around it. I then went to graze the cattle and worked in the field as well as played games with child friends when I'm elder. There full of sunshine. I enjoy the pleasure of life with the fragrance of the soil and sunshine, trees and grasses as well as the insects, birds etc..

**How was your 33-year old teaching career? Did this contribute in making you a better human being and a better poet?**

I went to be a teacher after finished my university education. Teaching career is a great business. A teacher can contact many younger and guide them to be the grace person and have some more achievements. That interested and brought me joyful. At the same time, I learned from them many things, just as the vividness that made me feel young.

**Which were your childhood favourite readings? Which authors/books/poets did you read and love later on in your life?**

I almost haven't read many books during my childhood. However, I liked to read many books after 17 of age. There are many books I love to read, for instant, Analects of Confucius, Mencius, Laozi, Zhuangzi etc. of the ancient works of China, prose verse collections as *Stray Birds*, *Fireflies* by Rabindranath Tagore, *The Platero Y Yo* by Juan Ramon Jimenez, and the works of Johann Wolfgang Von Goethe etc..

**You give great importance to nature and the good in human beings in your poems? Why is this? How is this more important today than in older days?**

Since I born and grown in the countryside, I love nature inborn. So I give great importance to nature and good in human beings in my poems as well as my prose. I believe all things in the universe are equal and will coexist. Otherwise, I hope human beings must live with peace. I pray all human beings be good in their mind. This point of view is more important today than in old days.

**Which style do you prefer: traditional verse or free verse?**

I prefer to free verse.

**What do you say about the appeal to the different senses, colour and sound in poetry?**

No matter what senses, colour and sound in poetry, if a poem touches me.

**Did your activity as a writer and poet give you opportunities to travel abroad and meet other writers/poets from different continents? What is the positive thing about this?**

Yes. I have entered the conference of World Congress of Poets many times, and have contacted with some international groups as Internal Writers and Artist Association etc. that give me opportunities to travel abroad and meet other writers/poets from different continents. The positive thing about this is to make friendship of other writer/poets of the world, interchange the experience with each other, and encourage to the creation.

**You write poetry, prose and drama pieces. Of all these which genre do you prefer? Why?**

I prefer poetry rather than prose and drama though I love them.

**As a poet (generation 1939) what do you suggest to the younger generations, and to aspiring poets/ writers?**

May we all devote ourselves to write good works.

**What do you do in your free time? How do you describe yourself as a human being?**

I'm in reading, listen music and do exercise in my free time. I want to be a poet and a writer to promote peace, wealth, health and happiness to whole the world.



**Hsu ChiCheng**



Il-Prof. Victor Grech

## Patrick Sammut jintervista lill-Prof. Victor Grech, President tas-SciFi Malta:

**Liema huwa x-xogħol tiegħek illum u l-qasam li tispeċjalizza fih?**

Jiena pedjatra u naħdem bħala konsulent fl-isptar lokali Mater Dei. Speċjalizzat fil-kardjoloġija marbuta mat-tfal.

**X'inhi r-rabta tiegħek mal-ġeneru letterarju tas-*science fiction*?**

Minn mindu kont tifel kont interessat fil-ġeneru. Kont naqra ħafna kotba fuq *science fiction* kif ukoll kont nara l-episodji kollha ta' *Star Trek*. Fl-2004 kont avvicinajt il-Fakultà tal-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta bil-ħsieb li nwettaq ħolma u nibda dottorat (Ph.D.) f'dan il-qasam. Xtaqt nittratta l-infertilità fil-ġeneru letterarju tas-*science fiction*. Din il-ħolma immaterjalizzat biex fl-2011 iggradwajt b'dottorat mill-istess fakultà.

**Kif twieġeb għal min jemmen li l-ġeneru tas-*sci-fi* huwa għat-tfal jew adoloxxenti?**

Ir-riċerka fuq is-suġġett turi mod ieħor. Filwaqt li l-ġeneru jappella ħafna għat-tfal u l-adoloxxenti minħabba li fih l-element ta' faxxinu għal kif tiġi ttrattata t-teknoloġija u elementi oħra, ir-riċerka ppubblikata tindika kemm is-suġġett huwa interdixxiplinarju u jinvolvi mediċina, filosofija, psikoloġija fost diversi aspetti. Dan juri biċ-ċar kemm is-suġġett jappella kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-kbar.

**X'inhu eżattament dan is-"Sci-Fi Symposium"? Kif u meta beda? Kull meta jsir? Kif jintlaqa' mill-pubbliku simposju bħal dan?**

Dan it-tip ta' simposju jittella' darba fis-sena għall-ħabta ta' Lulju. Din hija r-raba' sena li qed isir simposju ta' din ix-xeħta. L-ewwel simposju ttella' fl-2014 u ffoka fuq *Star Trek*. Kellna preżentazzjoniet varji minn dixxiplini differenti fosthom mill-qasam tal-mediċina, *nursing*, spiżjara, u filosofija, fost oħrajn. Ingħaqdet magħna l-ambaxxatriċi tal-Amerka għal Malta li dak iż-żmien kienet Gina Abercrombie Winstansley li hija ukoll Trekkie. Dan is-simposju kien intlaqa' tajjeb ħafna u għalhekk iddeċidejna li kull sena nibdew intellgħu wieħed simili. Jintlaqa' tajjeb ħafna u kull sena jkun hemm entużjażmu b'diskussjonijiet interessanti u varji. Dan ikompli jħeġġiġna biex inkompli ntellu dawn is-simposji.



**Għaliex ir-rabta mal-*Humanities, Medicine and Sciences Programme* fi ħdan l-Università ta' Malta?**

Waqt l-istudji tiegħi nħass il-bżonn li jinħoloq programm interdixxiplinarju fejn jgħaqqad il-mediċina, ix-xjenza u l-arti. Avvicinajt id-dekan, il-Prof. Domnic Fenech, u l-kap tad-Dipartiment tal-Ingliż li dak iż-żmien kien il-Prof. Ivan Callus, u flimkien ħloqna l-HUMS biex inkunu nistgħu nsaħħu r-rabtiet u naqsmu għarfien bejn id-dixxiplini.

**Kemm hija segwita l-letteratura science-fiction hawn Malta? Kemm hawn Maltin li jsegwu l-films u s-serje televiżivi jew fuq internet ta' dan l-istess ġeneru?**

Ma tantx naf ngħidlek eżatt però miż-żwieġ paġni tal-*facebook* li għandna b'rabta ma' *Star Trek Symposium u Science Fiction Symposium*, jidher li dawn jiġu segwiti mhux ħażin u għandna numru sabiħ ta' *followers*. Nimmaġina li dawn kollha jsegwu il-ġeneru ta' *science fiction* b'xi mod jew ieħor.

**Naf ukoll li wara kull simposju toħorġu pubblikazzjoni li tiġbor fiha l-*papers* li jkunu nqraw waqt l-avveniment. Min huma l-kontributuri, u minn fejn tista' tiġi akkwistata din?**

Ħriġna żewġ kotba fuq l-ewwel żewġ simposji. Il-kontributuri kienu dawk li ppreżentaw stess fuq bażi volontarja fejn kull min ried ingħata ċ-ċans li jikteb kapitlu. L-editjar sar mill-organizzaturi b'ħafna paċenzja. Għadna ma ħriġniex it-tielet ktieb għall-fatt li xtaqna nsibu pubblikaturi akkademiċi b'reputazzjoni. L-ewwel żewġ kotba ippubblikajnihom ma' *Amazon–CreateSpace* b'sistema ta' *self-publishing*. Diffiċli tilħaq ħafna nies b'dan il-mod. Il-kotba jistgħu jinxtraw minn fuq l-Amazon jew minn Scifi Malta.

**Kif qed jiġi ttrattat dan il-ġeneru tas-sci-fi fi ħdan il-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta? Hemm xi korsijiet partikolari x'wieħed jista' jattendi rigward letteratura u ċinematografija sci-fi?**

Sa issa ma jeżistux modules li jittrattaw dan il-ġeneru b'mod speċifiku fil-kors tal-Baċellerat jew Masters. Però, jekk student jixtieq ikompli jispeċjalizza u jagħmel riċerka fuq dan il-ġeneru isib l-appoġġ kollu li għandu bżonn mill-fakultà.

**Hawn Malta teżisti letteratura sci-fi bil-Malti? U teżisti għaqda għall-entużjasta tas-sci-fi?**

Ma jidhirlix li teżisti letteratura ta' dan it-tip bil-Malti, għalkemm ma nistax ngħid fiċ-ċert.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Ir-riċerka tiegħi fuq dan il-ġeneru tkompli. Għandi għadd ta' artikli akkademiċi ppublikati f'ġurnali barranin u beħsiebni nkompli nirricerka. 'Il quddiem nixtieq nippubblika ktieb b'dawn l-artikli. Il-ħolma tal-organizzaturi hi li nilħqu iktar nies akkademiċi u minn dixxiplini varji f'dawn it-tip ta' simposji. Nixtiequ wkoll li jkollna fondi biżżejjed biex inġibu xi esperti f'dan il-ġeneru minn barra xtutna ġewwa pajjiżna. Kif diġà semmejt qabel, nixtiequ nsibu pubblikaturi biex nippublikaw it-tielet ktieb fis-serje.

*Din l-intervista saret b'kollaborazzjoni ma' Mariella Scerri. Scifi Malta hija organizzazzjoni żgħira u Victor Grech huwa l-moħħ wara l-*papers *akkademiċi u ta' ricerka. Victor u Mariella jħobbu l-akkademja, l-istudji umanistiċi u l-ġeneru tas-*science fiction*, u b'hekk jaqsmu bosta ideat flimkien. Mariella Scerri għandha sfond xjentifiku: tħarrġet bħala infermiera u pprattikat il-*cardiology nursing *għal 16-il sena. Ftit tas-snin ilu bdiet u temmet b'suċċess B.A. fl-Ingliż u fil-Letteratura Komparata, flimkien ma' P.G.C.E. fl-Ingliż. Bħalissa tgħallem l-Ingliż fil-livell sekondarju u qed tistudja għal Masters fl-Ingliż. Għandha f'moħħha li tkompli l-istudji tagħha f'livell Ph.D. Mariella tammetti li Victor huwa forza ta' motivazzjoni u l-kompetenza tiegħu fiż-żewġ oqsma tgħin bil-bosta.*

*SciFi Malta għandha l-paġna tagħha fuq fb:* https://www.facebook.com/groups/MaltaSciFi/




***RAYMOND C. GRECH*** *huwa l-awtur tal-ġabra tal-poeżiji ġdida QASAB IĊAQĊAQ. Huwa twieled fil-15 ta' Novembru 1953 f'Tas-Sliema. Jgħallem fl-oqsma tat-teknoloġija tal-Informatika u jinteressa ruħu fil-Bibbja. Kiteb għadd ta' poeżiji b'temi differeni, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li dehru f'ġurnali u rivisti lokali u barranin. Huwa pproduċa u ppreżenta numru ta' programmi radjufoniċi fil-qasam letterarju fejn għamel bosta intervisti lil kittieba stabbiliti.*

***Qasab Iċaqċaq* hija l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħek ippubblikata minnek stess. Naf li hemm storja twila warajha, anki fis-sens li inti ma bdejtx tikteb il-poeżija lbieraħ. Xi tgħid dwar dan?**

Bdejt nikteb il-poeżija meta kont għadni żgħir, żgħir wisq biex niftakar l-ewwel versi li ktibt. Niftakar li l-ewwel poeżija li ħriġt mill-kexxun kont urejtha lill-għalliem tiegħi s-Sur Frans Sammut. Wara li fela l-poeżija sew, dar fuqi u qalli, "prosit Raymond, poeżija tajba u sabiħa." Dawk kienu waqtiet li saħħuni sabiex inkompli nikteb. Nistqarr li ġejt imħeġġeġ sabiex niġbor il-poeżji tiegħi fi ktieb wara li bdejt inpoġġi l-versi tiegħi fuq *facebook*. Bosta ħbieb tiegħi fl-Għaqda Poeti Maltin baqgħu ifakkruni sabiex niġbor ħsibijieti fi ktieb, fosthom int ukoll. Il-President tal-GħPM, is-Sur Alfred Massa, ma naqasx jiġbidli l-attenzjoni sabiex nagħmel dan il-pass. Dr. Andrew Sciberras ma ħallinix kwiet qabel ma aċċertajtu li se nieħu d-deċizjoni li ma kenitx fuq l-aġenda tiegħi. U ħajri jitla' 'l fuq mnejn dik l-id moħbija fetħitli l-bibien.

**Għaliex għażilt it-titlu *Qasab Iċaqċaq*? Dan hu l-ewwel volum. Mela hemm l-intenzjoni li tippubblika volumi oħra b'aktar poeżiji minn tiegħek?**

Għammidt din il-ġabra ta' poeżiji *Qasab Iċaqċaq* għax inħoss li d-dinja waqgħet f'nixfa kbira fejn jidħol il-galbu u s-sewwa, fejn f'dak li nara u li nisma', nintebaħ li l-ħajr lejn il-Ħallieq, tal-ħolqien madwarna u lil hinn, huwa nieqes sew. Fil-fehma u l-ħsus tiegħi, ir-raba' saqwi u l-art għammiela saru xagħri, fejn nittama li b'dawn il-versi tinħoloq kuxjenza għas-sewwa u s-sabiħ, sabiex l-għarfien tal-Mulej jikber. Nemmen li kelma tajba meta toħroġ ma tiġix lura b'xejn. Tassew li l-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn.

Dan hu l-ewwel volum minn tlieta, it-tnejn l-oħra kważi lesti. Peress li qed nagħmel il-pubblikazzjoni jien stess, jonqosni l-isettjar u d-disinn tal-qoxra ta' kull ktieb. Minn volum għall-ieħor hemm konnessjoni ta' ħsibijiet u esperjenza, kontinwità ta' tema li tinvolvi realtà li qed tintilef fir-reħja li ħakmet il-bniedem.

L-ewwel volum jiġbed l-attenzjoni fuq il-bżonn li l-bniedem mhuwiex maħluq sabiex jgħix bil-ħobż biss, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm is-Sid tal-Ħolqien. Din il-kelma nsibuha fil-Kotba Mqaddsa, il-Bibbja.

It-tieni volum jagħti ħjiel fuq x'tgħidilna l-iskrittura fit-Testment il-Qadim u fit-Testment il-Ġdid, il-kontinwità minn testment għall-ieħor. Fejn insibu direzzjoni speċifika fil-kotba kollha li tmexxi l-bniedem lejn il-fidwa ta' Ġesù l-Messija, direzzjoni sabiex joħroġ mis-sistemi u d-djien li ħoloq l-istess bniedem, organizzazzjonijiet li jagħmluh irsir u jġibuh f'dnewwa, traġediji u gwerer fejn jgħix mingħajr sliem.

It-tielet volum maħsub li juri x'hemm wara li l-

bniedem jaċċetta l-Kelma u jgħix biha u joħroġ minn fuq il-forċini foloz li qed isostnuh. L-ewwel esperjenza tkun is-sliem li jiġi biss minn fuq. L-ansjetà u t-taħbit ta' did-dinja jibdew jogħsfru għax il-bniedem li jemmen isseraħ fuq il-Kelma ta' Alla. Wara li Ġesù wettaq il-missjoni li tah Missieru u kien lest sabiex imur lura, huwa ħalla dan il-kliem ta' prodondità kbira, [Ġw:14:27] "Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'." Wara li l-bniedem joħroġ mill-fiduċja ta' fih innifsu u jafda l-Kelma ta' Sidu, ikun qabad it-triq lejn id-Dar ta' Alla. Din hija t-tema prinċipali ta' dan l-aħħar volum.

Hekk nittama li l-qarrej jinteressa ruħu aktar f'affarjiet spiritwali milli naturali u jsib il-potenzjal tiegħu fil-Kelma u jagħti ħajr lil min għamlu. Dawn il-poeżiji huma biss passaġġ ieħor żgħir lejn il-verità. Nixtieq nemfasizza li jien miniex persuna reliġjuża, iżda bniedem li nemmen fil-Kelma tal-Mulej.

**X'inhuma t-temi ewlenin li tittratta f'dan l-ewwel volum? Jew hemm tema waħda li tgħaqqad il-poeżiji magħżula kollha flimkien? Hemm l-intenzjoni li fil-volum jew volumi li jmiss tittratta temi ewlenin oħrajn?**

Qabel xejn dawn mhumiex poeżiji reliġjużi. Ħafna mir-reliġjon jagħmilha l-bniedem u bosta drabi ijassar lilu nnifsu b'għemilu. Alla mhuwiex reliġjon iżda relazzjoni. Ġakbu qaddej ta' Alla, kiteb ittra lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja, fejn kellu jwissi fuq għemejjel reliġjużi sew fuq dak li hu falz u fuq dak li hu ġenwin.

[Ġak:1:26-27] "Jekk xi ħadd jidhirlu li hu reliġjuż, u lsienu ma jrażżnux u jqarraq b'qalbu, fiergħa hi r-reliġjon tiegħu. Quddiem Alla u Missierna r-reliġjon ġenwiena u bla tebgħa hija din: iżżur l-iltiema u r-romol fl-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja."

Mijiet ta' snin qabel David fehem ix-xewqat ta' Alla. [S:51:18-19] "Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx. Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla."

Il-ġabra ta' poeżiji tindirizza diversi temi; Ħallieq,



Raymond C. Grech

ħolqien, bniedem, relazzjoni, fidwa, ġens, familja, dnewwa, gwerer u l-paradoss u r-realtà ta' dak li qed jiġri madwarna. Fejn kollox isib it-tifsir bil-konsolidazzjoni tal-Kelma; is-sejħa li sabet ruħha fgata fil-materjaliżmu ta' dinjietna, "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla."

Rigward il-volumi li jmiss, aċċenajt fuqhom aktar 'il fuq.

**Apparti l-poeżiji tiegħek inti inkludejt f'dan l-ewwel volum il-kummenti ta' tliet kittieba/kritiċi oħra, flimkien ma' glossarju fl-aħħar tal-kliem "diffiċli". Għaliex l-għażla tiegħek waqgħet fuq dawn it-tliet kittieba patikolari? Il-qarrej prospettiv għandu jaqra l-kummenti msemmijin l-ewwel jew jitlaq direttament mill-qari tal-poeżiji tiegħek? Għaliex l-għażla ta' għadd ta' kliem li llum m'għadekx daqstant tisimgħu jintuża mill-Maltin stess?**

Nista' ngħid li ma kelli l-ħadd partikulari f'moħħi sabiex jagħmilli d-daħla tal-ktieb. Imxejt fuq parir li tawni u wasalt għand il-Prof. Friġġieri qalbi maqtugħa, bżajt li mhux se jogħoġbuh il-poeżiji tiegħi, qatt ma kellimtu qabel, ħlief li qrajt xi xogħlijiet tiegħu u li kien magħruf fid-dinja letterarja.

Hekk kif dehert quddiemu, bl-iskritt tiegħi huwa laqgħani b'idejh miftuħin, stagħġibt bl-umiltà li għandu dal-bniedem, l-għajnuna li tani kienet imprezzabbli. Huwa ħa l-ħin jikkoreġili xi kliem miktub ħażin, spejgali x'karta għandi nuża, kif nagħmel it-titlu, fejn inniżżel id-data, spejgali xi regoli tal-Malti u ħafna affarjiet oħra. Tant għamilni komdu li kont qisni nafu għal ħafna snin: j'Alla l-Mulej ibierek lil dan is-Samaritan it-tajjeb!

Tarcisio Zarb, l-istess, qatt ma kont nafu u sirna ħbieb fuq *facebook*. Lis-Sur Zarb inħobb ngħidlu, 'l-għalliem ta' dejjem', qatt ma jieqaf jgħallem u dejjem issibu jinkorraġġixxi li xi ħadd. Dejjem apprezza l-kitba tiegħi. Huwa qabad poeżija minn tiegħi u għamel nebħ-apprezzattiv fuqha u jien daħħaltha fil-ktieb. L-altruwiżmu tas-Sur Zarb mhux faċli li ssib bħalu, minħabba fih id-dinja hija post aħjar.

Alfred Massa, ħabib kbir li ħdimt miegħu fil-viċin fejn tidħol l-Għaqda Poeti Maltin. Peress li kont u għadni nieħu ħsieb is-sit tal-Għaqda fuq l-internet, kien jgħaddili ħafna materjal għall-pubblikazzjoni. Fis-Sur Massa sibt persuna li tatni ħafna għajnuna. Ma ninsa qatt meta attendejt għall-ewwel darba serata tal-Għaqda Poeti Maltin, kemm tani kuraġġ. Is-sur Massa wkoll għamel nebħ-apprezzattiv fuq poeżija minn tiegħi u daħħaltha fil-ktieb. Minn hawn insellimlu għax-xogħol kbir li wettaqt bħala President tal-Għ.P.M.

Iva, nissuġġerixxi li jinqraw il-kummenti ta' dawn in-nies qabel ma jinqraw il-poeżiji tiegħi. Imbagħad wara li jinqraw tiġi riflessa l-Kelma li takkumpanja numru ta' poeżiji.

Rigward l-għażla ta' kliem arkajku ġejja mill-fatt li nħobb ħafna l-Malti semitiku u dak li tgħallimt tista' tgħid li joħroġ naturali fil-kitba tiegħi. Minn xi daqqiet nużah ukoll fit-taħdit ta' kuljum, u sintendi jistaqsuni b'liema lingwa qed nitkellem; wara li ngħidilhom xi tfisser il-kelma, l-għaxqa tiegħi narahom jieħdu gost jitgħallmu. Hemm ukoll raġuni akbar, il-fatt li l-Prof. Saydon qaleb il-Bibbja mill-ilsna oriġinali f'Malti safi (hekk inħobb ngħidlu) u dan m'għandux jintilef sabiex il-Kelma ta' Alla tibqa' tinqara bil-Malti. *Qasab Iċaqċaq* għandu glossarju ta' dan il-kliem użat.

**Naf li inti timposta l-poeżiji tiegħek regolarment fuq siti soċjali bħal *Facebook*. Kemm jintlaqgħu tajjeb mill-pubbliku? Temmen li llum il-poeta għandu rwol importanti fis-soċjetà? X'inhu dan eżattament?**

Nista' ngħid li sibt inkoraġġiment kbir fuq *facebook*, esperjenza li biha tgħallimt ħafna. Il-poeta għandu sehem kbir x'jagħti lis-soċjetà. Il-poeta huwa għalliem, għalkemm il-kitba tiegħu/tagħha hija suġġettiva, għandha s-saħħa terfa' l-ispirtu tal-bniedem mill-qigħan li xi drabi jinżel fihom. Aktar ma jkun matur il-poeta aktar jinfed l-imħuħ u l-qlub tal-qarrejja tiegħu. Saħħiet u nagħlaq b'dawn il-versi tal-poeta David.

[S:119:130-131] "It-tifsir ta' kelmtek jagħti d-dawl, ifiehem lil min ma jafx. Niftaħ fommi u nieħu r-ruħ..."

**IL-ĠAWHAR TIEGĦI**

Il-versi li wellidt fuq karta strazza
mhumiex għanjiet irħisa bla ħsieb il-ħaqq.
Lanqas huma noti ta' vjolin skordat
li ħarġu jwerżqu qabel prova tad-daqq.

Vrusi nħelsu minn qiegħ qalbi titbaħbaħ
waqt taqbida ħarxa bejn baħar u riħ.
Inbeżqu ġawhar fin fuq blat il-midbaħ
itella' duħħan wieqaf 'il fuq jistrieħ.

Vrusi nisġa' perla perla f'ħannieqa
li nilbes f'waqtiet ħiemda solitarji.
Kull ġawhra tkanġi burdati baqbieqa
jfawru lwien imħallta kollha varji.

Il-ġawhar tiegħi għal min jifhem taħbit
il-qalb u l-eklissi tal-moħħ u tar-ruħ.
Mhumiex għall-ħnieżer li jirfsu b'riġlejhom
il-qodos, imbagħad iduru ħa jħaġġruh.

["Tagħtux lill-klieb dak li hu qaddis, u tixħtux il-ġawhar tagħkom quddiem il-ħnieżer li ma jmorrux jgħaffġuhom b'saqajhom u mbagħad iduru għalikom u jqattgħukom bi snienhom." (Il-Bibbja, Għ.B.M. L-ewwel edizzjoni 1984, Matt. 7:6).]



## JOE SALIBA: POETA UMLI U ĠENWIN

**Tikteb Amanda Busuttil**

Meta niftakar f'ħabibi Joe Saliba l-poeta niftakar f'tifkiriet tassew għeżież. Lil Joe u lil martu Sylvia kont inqishom bħala z-zijiet tiegħi tal-Awstralja. Konna nitkellmu ħafna bl-ittri elettroniċi dwar Malta, il-kitba, il-Poeżija, il-ħajja u dak li jkun għaddej minnha fil-mument. Joe dejjem kien iħobb isemmi lil Malta kif kien jafha hu fi tfulitu u x'jiftakar f'Birkirkara, il-post li fih għex u trabba.

Joe kien poeta f'kull aspett, kemm fil-kitba u kemm fil-mod ta' kif jgħix, jaġixxi, jaħseb u jitkellem. Kliemu kien dejjem meqjus, sabiħ u kumplimentuż u sensittiv ħafna. Imma jekk imbagħad juri xi dispjaċir fuq xi aspett soċjali, ambjentali, aspett li jirrigwarda l-letteratura, hemmhekk Joe kien jiddispjaċih bil-kbir u kważi jibki bil-għali.

Kien ta' spiss jibgħatli xi ritratti tal-btajjel meta ma' martu Sylvia kienu jerħulha għal xi jiem fil-muntanji u kien jiktibli li għamel sajda tajba f'xi xmara. Meta kien ikun qalb in-natura, kien ikun tassew ferħan. Dan il-ferħ kienu juruh ir-ritratti ħelwin tiegħu u ta' Sylvia, it-tnejn li huma bil-wardiet ħomor fuq wiċċhom. Darba qalli li hu u Sylvia marru sa Lakes Entrance daqs 300 kilometru 'l bogħod minn Melbourne għax kien post famuż għas-sajd. In-natura kienet ħafna għal qalb Joe, infatti kien jikteb ħafna dwarha. Kien iħobb jibgħatli ritratti mal-pappagall li kellhom.

Dejjem kien iqawwili qalbi fil-kitba. Konna nagħmlu sigħat nanalizzaw xi kitba letterarja mill-kompjuter u nibagħtu l-kitbiet tagħna lil xulxin. Kien jgħidli li bil-kitba niltaqgħu fuq l-Għolja tal-Mużi. Kien idejqu ħafna l-ħoss tal-*lawn mower* hija u għaddejja tqarweż fiż-żabra tal-ħaxix tal-parapetti l-kbar tal-inħawi fejn Joe u Sylvia kienu joqogħdu.

Joe kien minn dawk it-tip ta' persuni li jinteressaw ruħhom f'kollox, infatti kien ukoll filosofu tajjeb, kiteb bosta xogħlijiet ta' natura psikika, filosofija reliġjuża u kien jaf il-Bibbja tajjeb ferm li kien kapaċi jitkellem dwarha fit-tul b'mod analitiku u matur.

Joe u martu żaru Malta fit-3 ta' Novembru 2006. Dik is-sena kienet memorabbli għalija. Iltqajt magħhom fil-Fiera tal-Ktieb li Joe kien ġie bi ħġaru jaraha, peress li kien ilu ħafna jisma' dwarha u kemm qed tattira nies. Joe kien jibża' mill-ajruplan u kien qalli minn qabel biex nitlob ħafna għalihom peress li kien vjaġġ twil ħafna. Joe xtaq ħafna jerġa' jara lil Malta li tant ħabb. Però Joe ġie Malta wkoll  għax kienet riesqa ġurnata importanti ħafna għalih li kienet is-27 ta' Jannar 2007.

Dik il-ħabta jiena kont attiva fl-Għaqda tal-Malti, snin li ngħożż bil-bosta u nirringrazzja lil Alla, kelli x-xorti nkun involuta fit-tħejjija tal-mafkar li kien ser isir fis-Siġġiewi f'ġieħ Karmenu Vassallo. Lil dan il-poeta minn dejjem kelli ammirazzjoni kbira lejh, għall-fatt li kont inħossu ta' faraġ bil-versi tiegħu u Saliba kien iħobbu immens għax kien il-*mentor* tiegħu u għalhekk ried li jassisti bi ħġaru għal din iċ-ċerimonja.  Għalhekk dakinhar taċ-ċelebrazzjoni Joe kien ġie minn tal-ewwel u ffilmja l-avveniment biex jibqa' ta' tifkira.

Fuq l-internet Joe kien tella' diversi videos tiegħu stess qed jaqra l-poeżiji li tagħhom qed nipprovdi tnejn. Il-Poeżija kienet ir-ruħ tiegħu, kien jitkellem fuqha b'rispett kbir bħall-Bibbja. Il-livell li laħaq maż-żmien kien wieħed ta' terapija totali għal ħajtu, issudatu fit-tħaddim tal-metafori u l-espressjonijiet artistiċi bħal filosfu li jiddedika ħajtu f'meditazzjoni biex jilħaq livell aħjar ta' fehma.

Il-pubblikazzjonijiet ta' Joe kienu dawn, barra li ta kontribut ukoll f'antoloġiji oħra u gazzetti: *Ilħna tar-rebbiegħa* (1966); *Ferħ, biki u poeżija* (1967); *Il-Profeta* (Traduzzjoni) fl-antoloġija *Driegħ ma' Driegħ* (1971) ko-awtur; *Ilma* (1981); *Lamentations of a Happy Man* (1989); *Alwettiera* (1997); *Oċegħanja* (2001) Ktieb u CD (ko-awtur); *Uluru* (2009);

*Santwarju* (2011); u *Ktieb Privat* (2011).

B'xorti ħażina dak iż-żmien kelli kompjuter antik u marli f'salt u ħafna mill-materjal li kelli ma stajtx insalvah. F'Jannar 2013 Joe ddaħħal l-isptar u Sylvia, mara ġentili u qalbha tad-deheb kienet saħansitra tipprintja l-ittri biex teħodhom lil Joe l-isptar, għax hi kienet taf li aħbarijiet fuq il-kitba u l-kitba nnifisha tagħtih in-nifs mill-ġdid. Kitbitli anki meta beda ġej għall-aħjar. Fit-26 ta' Jannar 2013 Joe għalaq 72 sena. Qalbi għamlet tikk meta aktar 'il quddiem dik is-sena beda jgħidli illi ma jridnix nitnikket imma jħossu sejjer għall-agħar f'saħħtu. Infatti mbagħad kien f'Settembru li rċevejt l-ittra m'għand martu li Joe ħalliena. Ma ridtx naċċettaha għax qatt m'aħna lesti li naċċettaw il-mewt tal-ħbieb għeżież.

Lil Joe Saliba rridu niftakruh fl-isbaħ mumenti li qasam magħna f'ħajtu. Joe kien jinkwieta ħafna ruħu, lil Sylvia kien iħobbha ħafna u kien jibża' li jispiċċa ta' piż fuqha u fuq il-familja. Nirringrazzja lil martu Sylvia mill-qalb ta' kemm kienu jħobbuni hi u Joe, ma ninsa qatt il-mumenti sbieħ li kellna f'Malta u l-ittri li skambjajna u kemm ġabuli ferħ meta kont nisma' b'aħbarhom, minkejja d-distanza kbira li kienet tifridna mill-art ta' Uluru sa hawnhekk.

Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex insellem lil ħutna Maltin-Awstraljani, il-kittieba kollha li Malta baqgħet għalihom ġawhra prezzjuża. Aħna li ninsabu f'artna ħafna drabi ma napprezzawx x'għandna u ngħidu aħna m'għandna xejn fejn artijiet oħra, però l-ħlewwa ta' din il-gżira, il-lingwa u l-Istorja tagħha jagħmluha unika fid-dinja u dawn ħutna li ħallewha ħadu biċċa minn qalb din il-gżira f'art ġdida biex ikabbru l-identità kulturali tagħna u għandna għaliex inkunu tassew grati lejhom.

Ħa nagħlaq billi nistedinkom taraw il-vidjows (fuq YouTube) u taqraw din il-poeżija ta' Joe li tiddeskrivi l-umiltà tiegħu. 'A thing of beauty is a joy forever'. Joe Saliba hemm bżonn li jsib postu bla dewmien mal-poeti romantiċi tal-istorja ta' pajjiżna, fil-libreriji tagħna u fil-kotba tal-iskola biex il-ġenerazzjonijiet li ġejjin ikunu infurmati u mkabbrin b'niesna u ma jinsew qatt ir-rikezza ta' ġensna.

### L-GĦANJA TAL-ĦAMSIN

M'għandix biex niftaħar, Mulejja,
ftit versi,
ftit skola,
u lawrja ġo gwarniċ.

Dak kollu li ksibt f'ħamsin sena;
s'hawn wasalt f'sitt mitt xahar.

U inti
bqajt nieżel
minn ġidd għal ġidd,
ħolqien ġo ħolqien,
sakemm feġġejt jien,
bil-kwadru mal-ħajt
biex infaħħrek aħjar,
ftit skola ħa nagħrfek mill-bqija,
u dal-ftit versi li tbexxqu minn fommok
daqs nofs seklu ilu.

**JOE SALIBA**
**28.4.1990**
**(Mill-ktieb *Alwettiera*)**

### QADFIET
### (F'Wied iż-Żurrieq)

Meta l-ħalel jisktu ħesrem
inħossok tinħafen fija
u qadfa wara qadfa ngħum għajjien
lejn tieqet seħer il-ħolqien.
Nibilgħek sal-qiegħ ta' ruħi
bħalma għamlet il-balena lil Ġona.

U fl-ispazju tiegħek approfondat
imbewġu bla ebda serħan
mal-qtajjiet tas-sawrell appassjonat
donnhom kwiekeb fis-smewwiet ileqqu
bl-imrieżaq tax-xemx fuqhom jirriflettu.

Stħajjiltni bejn żewġ dinjiet
nipprova nżomm l-ekwilibriju
ta' dak li nkewwes fil-ġewwieni
u dak li nwettaq ħieles fl-apert.

**JONATHAN BALZAN**
**(minn *Kilometri*, 2016)**



Ritratt tal-1995, il-Belt ġos-sala ta' Dun Maurice. Ħdejn Mario (it-tieni mix-xellug) hemm bintu u fuq il-lemin hemm Toni Caruana u Ġużi Sciberras

## IL-MEWT TAL-POETA MARIO F. BEZZINA

*Nhar it-2 ta' Ġunju 2017 tħabbret il-mewt tal-poeta Mario F. Bezzina (1950 - 2017), poeta prolifiku li kien attiv fil-Moviment Qawmien Letterarju, fl-Għaqda Poeti Maltin u fil-Ħeġġa Letterarja. Il-funeral sar fit-3 ta' Ġunju fil-Knisja San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara. IL-PONT ġabar għadd ta' tifkiriet minn persuni li kienu jafu lill-poeta.*

**Mingħand il-Prof. Joseph Eynaud (3 ta' Ġunju):**

Lil Mario kont ngħallmu t-Taljan fis-St Joseph Institute Raħal Ġdid fis-60ijiet. Kien student eżemplari li jħobb il-lingwi u l-letteratura. Raġel onest, sinċier, studjuż u poeta. Niftakar kont ktibt xi reċenzjonijiet fuq il-gazzetti lokali dwar il-poeżiji tiegħu. Kont ktibt li Mario kien imnebbaħ minn poeti Taljani bħal Quasimodo u Montale. Niftakar li kellu mħabba speċjali lejn ommu.

**Mingħand Dr. John Consiglio (3 ta' Ġunju):**

Jiena ili naf lil Mario ħafna snin. L-ewwel nett meta, ferm u ferm ħafna snin ilu, kont anki jiena inħażżeż xi poeżija, u dan kien spiss iġibni f'kuntatt miegħu. Iżda mbagħad f'dawn l-aħħar snin lil Mario kont nafu mill-qrib bħala membri tal-Parroċċa tagħna San Ġużepp Ħaddiem f'Birkirkara. U minn dan l-aspett irrid ngħid li Mario kien Nisrani tajjeb ħafna. Qatt ma kien ifalli l-Quddiesa ta' nhar ta' Ħadd tad-disgħa filgħodu, u anki meta f'dawn l-aħħar snin kien ferm evidenti li ġismu kien qed ibati ħafna, xorta waħda huwa baqa' juri lealtà sħiħa lejn twemminu. Mario kien raġel kwiet, twajjeb, u ġentili ma' kulħadd. Naturalment ħaddiehor ferm aktar kompetenti minni sabiex janalizza l-kitba letterarja tiegħu. Li naf u nista' ngħid dwarha huwa li kien hemm żminijiet meta f'dak li hu stil kienet "crepuscolari" ħafna, u bi ħsibijiet ferm profondi.

**Mingħand Lina Brockdorff (3 ta' Ġunju):**

Mario F. Bezzina ngħaqad mal-Għaqda Letterarja Maltija tista' tgħid mill-bidu nett, jiġifieri fl-aħħar tal-Ħamsinijiet. Ma kienx ifalli Laqgħa Ġenerali waħda u lanqas ma kien jibqa' lura meta jkollna xi attività ta' qari kemm f'xi swali u kemm meta konna nerħulha lejn xi sit storiku bħal Ħaġar Qim u hemm nintilfu naqraw u nisimgħu letteratura mill-istess pinna tagħna. X'nostalġija!

Semmejt li Mario kien ikun preżenti fil-Laqgħat Ġenerali u mhux f'dawk il-laqgħat tal-Kumitat ta' kull xahar għax qatt ma xtaq jitla' fil-kumitat. Lanqas qatt ma ppreżenta ruħu biex jieħu sehem fil-programm letterarju ta' kull ġimgħa "Mill-Ġnejna Maltija", programm li dam għaddej fuq ir-Rediffusion għal aktar minn għoxrin sena. Konna nistidnuh biex jiġi jaqra xi vrus minn tiegħu li hu kien jibgħatilna, imma naqrawhom aħna. Rebaħ bosta konkorsi bil-poeżiji tiegħu.

Barra milli kien imsieħeb mal-Għaqda Letterarja, Mario kien il-president tal-Moviment Qawmien Letterarju, segretarju u teżorier tal-Għaqda Poeti Maltin u ċerman tal-Ħeġġa Letterarja. Għalkemm involut f'tant movimenti b'risq ilsienna xi vrus tiegħu kienu tradotti f'ilsna oħra.

Mario kiteb mijiet jekk mhux eluf ta' poeżiji sbieħ u tajbin fuq suġġetti varji, xi wħud mill-poeżiji tiegħu jinsabu f'numru kbir ta' kotba li huwa ppubblika.

Iktar minn dan kollu, Mario kien raġel umli u fl-istess ħin ta' karattru sod, ġenwin u ferrieħi u li dejjem lest ħalli jissagrifika l-ħin tiegħu biex jgħin b'risq il-letteratura.

**Mingħand Marielle Spiteri (4 ta' Ġunju):**

X'għafsa ta' qalb li miet Mario F Bezzina. Jekk huwa dak li kont naf jien fis-sebgħajnijiet meta kont għadni naħdem bħala skrivana fiċ-Ċivil fil-Belt (anki huwa kien skrivan bħali) kont inkun ma' sħabi nippassiġġaw Strada Rjali u kien jieqaf ikellimna fuq il-poeżija. Kull ħaġa jew persuna li kienet tmiss lil

qalbu kont tarah jikteb xi poeżija fuqha. Tant hu hekk li darba kiteb poeżija intitolata *Olympia*, għal ħabibti għax kienet dejjem daħkana u ferriħija. Mhux li kien nsib kopja ta' dik il-poeżija bħala rikordju!! Kien sensittiv, umli u jħobb jiċċajta ma' kulħadd. Miet poeta ġentlom u maħbub minn kulħadd.

**Mingħand Carmel G. Cauchi (5 ta' Ġunju):**

Lil Mario ilni nafu għal dawn l-aħħar 44 sena. Konna ninnutaw il-poeżiji ta' xulxin fil-paġni letterarji tal-ġurnali, u kienet l-inizzjattiva u t-tħabrik tiegħu li wasslu biex ippubblikajt l-ewwel poeżiji tiegħi fi ktieb. Kien ktieb bejn ħames poeti li invarjaw fl-età imma li lkoll kellna ħerqa kbira għall-poeżija.

Is-sena kienet 1973 u l-ħames poeti konna Mario u jien, Carmel Calleja, George Falzon u Patri Kerubin M. Farrugia O.Carm, dan tal-aħħar illum jinsab ukoll fi ħdan il-Mulej. Għal dan il-ktieb, imsejjaħ *shared anthology* għax ippubblikat minn ħames ko-awturi, ftehimna li nieħdu għoxrin paġna kull wieħed u naqsmu l-ispejjeż bejnietna. Il-Prof Oliver Friggieri kien għamlilna daħla kritika u Trevor Żahra ddisinjalna qoxra artistika bit-titlu magħzul minna, *ĦOLOQ*.

Mario kien l-iktar wieħed fostna li kellu kuntatti, u jidhirli li kien ġa editur letterarju ta' wieħed mill-ġurnali ewlenin. Għalhekk kien hu li ħabrek l-iktar għal *press-releases*, reċensjonijiet u l-bqija. L-interess tal-qarrejja fil-poeżijia dak iż-żmien ma kienx aħjar minn kif inhu llum u, għalkemm qassamna l-ktieb f'diversi ħwienet, ma konniex fdejnieh. Imma kien serva biex introduċejna rwieħna fil-kamp letterarju u wħud minna l-ħames ko-awturi komplejna nippubblikaw.

Mario kien qisu makna li ma tegħja qatt. Barra mill-ħidma wtieqa tiegħu bħala editur letterarju fil-ġurnal kien ukoll membru fil-Moviment Qawmien Letterarju u għamel ukoll żmien bħala editur ta' "Il-POLZ", l-organu tal-Moviment. Kien ukoll membru ħabrieki tal-Għaqda Poeti Maltin, u anki membru attiv fil-kunsill tal-Għaqda. Barra minn hekk kien waqqaf għaqda oħra hu bl-isem ta' "Ħeġġa Letterarja". Taħt il-kappa ta' din l-għaqda, u bħala President tagħha, Mario kien jorganizza konkorsi ta' poeżija bil-għan li jkabbar l-interess f'dan il-ġeneru letterarju. Kien iħabrek biex isib sponsors li jissussidjaw il-premjiiet u t-trofej numerużi għall-konkorrenti rebbieħa u dawk imsemmija b'ġieħ. Ġieli wkoll ippubblika antoloġiji f'isem il-"Ħeġġa Letterarja" bl-aħjar xogħlijiet tal-membri.

Mario kien hu innifsu prolifiku ħafna fil-kitba tal-poeżija u kien jippubblika ktejjeb wara l-ieħor bil-versi tiegħu. Imma meta aktar tard saħħtu bdiet tmajna, il-ħeġġa għall-kitba bdiet tbatti wkoll... sakemm f'dawn l-aħħar snin waqaf għalkollox.

Illum Mario F. Bezzina m'għadux magħna, imma kemm il-kontribut tiegħu fil-qasam tal-poezija, kif ukoll l-inkuraġġiment u l-appoġġ li dejjem ta lill-kittieba ġodda, ma jintesewx. Il-Mulej idaħħlu fil-hena tiegħu.



**Ritratt ta' Mario F. Bezzina mal-Prof Ġużè Aquilina li qiegħed jippreżenta lil Carmel G. Cauchi premju f'Diċembru 1984, rebbieħ f'konkorsi tal-Ħeġġa Letterarja.**

**Mingħand Mario Griscti (10 ta' Ġunju):**

Lil Mario F. Bezzina kont ili nafu 'l fuq minn tletin sena. Ma rridx nagħmel litaniji, issa, għax miet ta' kemm kien raġel tajjeb, ruħ sewwa, qaddis u ħafna minn dawn it-tifsiriet li jsiru wkoll minn min mhux ġenwin. Jiena nħoss li meta għandi nfaħħar ħabib nfaħħru għax nemmen li ħaddieħor għandu jitgħarraf bit-tajjeb (bosta drabi moħbi) tiegħu, u mhux għall-inċens u l-frugħat.

Mario kien poeta eċċezzjonali. Is-sentimenti poetiċi tiegħu kienu qawwija. Bħal kull poeta ieħor, in-natura kienet il-mimmi t'għajnejh u saħansitra b'għadira ċkejkna daqs nitfa' kien jitgħaxxaq u jigglorifikaha daqslikieku kienet xmara daqsiex. Mario kien ukoll poeta soċjali, favur iż-żgħir u l-batut, favur il-ħaddiema u l-familja tagħhom, favur is-sabiħ kollu tal-ħajja.

Kien magħruf ħafna għal stil partikolari fil-poeżija. Wara kull vers, strofa jew sentenza kien iħobb jagħmel it-tikek. Dawn kienu bħal tkomplija ta' dak li ħass jew ried jgħix. Bixra ta' poeta nervuż li m'għandux għalfejn ikompli s-sentenza ġaladarba diġa' ta ħjiel lill-qarrejja x'irid jikkomunikalhom. Mario F.Bezzina kien poeta essenzjalment modern (modern f'kuntest ta' freskezza kontemporanja).

Madankollu, ma kienx radikali. Ma kellux fih il-qilla tal-i*Sturm und Dra*ng jew ta' xi poeti ribelli li ffurmaw il-Moviment Qawmien Letterarju fl-1967. Mario F. Bezzina jekk kien ribell, kien ribell ġentili, li forsi wkoll "jiġġieled" bit-tbissima fuq fommu. Ta' poeta sensittiv li kien, kien osservatur brillanti u ma kien jaħrablu xejn minn materji storiċi, kulturali jew reliġjużi.

Fattur ieħor li jimmassimizza l-karatteristika tiegħu kien dak nostalġiku. Mario kellu l-lublieba tat-tfulija għadha tħeġġeġ fih. Ma setax jinqata' mill-element innoċenti ta' tfulitu. Meta l-ħajja kienet inqas imgħaġġla, meta l-logħob kien frott il-fantasija kbira ta' mħuħ ċkejknin, meta addirittura l-ħażen ma kienx għadu jistagħad wara l-kantuniera, meta kollox kien ikkulurit ileqq.

Meta ltqajt miegħu għall-ewwel darba, ħassejtni qisni ili nafu s-snin. "Jien ma narax minn din" kien qalli darba minnhom, jurini għajn minnhom. Jiena skantajt lejh. "Din l-għajn ma nċaqlaqhiex" qalli. Imma jiena kont aktar konxju li qiegħed quddiem poeta kbir milli quddiem bniedem b'difett fiżiku. Kien iħeġġiġni nibgħatlu x-xogħlijiet (poeżiji) għall-paġna letterarja ta' IT-TORĊA li tagħha kien editur.

Mario F. Bezzina kien il-mutur tal-Ħeġġa Letterarja '82. Daħħalli poeżiji tiegħi f'antoloġiji letterarji u kien iqawwili qalbi ħafna. Meta kont nirċievi xi pakkett mingħand il-pustier bl-indirizz fuq wara kont nintebaħ li kien ikun ktieb mingħand ħabibi Mario F. Bezzina, iffirmat għalija bi ħbiberija sinċiera.

Ir-repertorju letterarju tiegħu huwa vast u għad irid jiġi apprezzat ferm iktar, aktar 'il quddiem. Ħareġ ħafna pubblikazzjonijiet tal-poeżija. Min kellu x-xorti jaqra mqar siltiet żgħar mill-poeżija tiegħu, jinduna mill-ewwel x'inhi l-identità ta' dan il-poeta Karkariż. Dan għaliex il-poeta kien ktieb miftuħ. Taqra kitbietu u tkun taf min hu. Metafora kien juża kemm trid, imma tidwir mal-lewża, qatt.

Waqt xi lejla letterarja Mario F. Bezzina kien ikun nervuż. Mhux għax kien jistħi mill-udjenza. Lanqas minħabba xi inkompetenza. Imma tant kien perfezzjonist li jixtieq li kollox imur sew, li sakemm tibda s-serata, kont tista' tintebaħ mill-passi nervużi tiegħu u ċ-ċaqlieq spiss, li kien ikollu fuqu xi ftit tal-ansjetà. Malli tibda s-serata, qisu kien jikkalma u tabilħaqq… kollox kien imur sew.

Waħda mid-daqqiet kbar li qala' ġewwa fih Mario F. Bezzina kienet indubbjament il-mewt ta' ommu, li magħha kellu rabta kbira ħafna. Wara mewtha infatti, iddedikalha ktieb sħiħ tal-poeżiji bir-ritratt tagħha jidher fuq quddiem. Ikolli ngħid li, wara l-mewt ta' ommu, Mario F. Bezzina ma baqax dak li kien. Qata' lura ħafna, waqaf jikteb u bata bil-kbir fl-aħħar fażi twila ta' ħajtu.

Illum dan il-poeta ħalliena. M'għadux magħna. Issa forsi reġa' beda jikteb. Min jaf? Forsi reġa' ltaqa' ma' ommu, ħaddanha b'imħabba kolossali ma' sidru, u spuntat mill-ġdid, il-leħma poetika ġewwa fih. Minħabba ċirkostanzi ta' saħħa, Mario F. Bezzina ma baqax jikteb il-poeżiji, imma ruħu baqgħet ruħ ta' poeta, qalbu mimlija mħabba, baqgħet dik ta' poeta. Għax kien Poeta mwieled mhux maħtur.

## MARIO… IT-TIKEK TITLAQHOMX

**(lil mario f. bezzina… hu fejn hu… b'imħabba)**

it-tikek titlaqhomx, poeta twajjeb,
li laqtitek sħanet din l-art,
b'qillitha karga.

itgezzez mal-ħallieq fuq sfond kaħlani,
u niżżel is-sellum sabiex nitilgħu
ħdejk aħna l-blanzuni ta' snin ilu.

ħallina nagħrfu l-poeżija tiegħek,
miktuba b'demm għarqan, u qalb miftuħa,
u iffirmata b'tondjatura mlewna.

hawn għadha f'imnifsejna l-fwieħa sana
ta' mħabbtek-poeta… ta' mħabbtek.

**MARIO GRISCTI**
**9-V1-2017**

**Mingħand Alfred Massa (12 ta' Ġunju):**

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, sirt naf li l-ħabib tiegħi Mario F. Bezzina kien ħalliena. Kellu 67 sena. Aħbar li nisslet fiha sogħba kbira u fl-istess ħin ħaditni lura fis-snin li sirna nafu lil xulxin.

Lil Mario sirt nafu fl-Għaqda Letterarja Maltija; aktar tard il-ħbiberija tagħna ssuktat tissaħħaħ fl-Għaqda Poeti Maltin. Peress li kien ħabib kbir tan-nutar Vincenzo Maria Pellegrini ssieħeb fl-Għ.P.M. kważi mit-twaqqif tagħha fl-1975. Ma damx ma nħatar Segretarju u aktar tard Kaxxier li bil-ħila u l-impenn tiegħu l-Għaqda bdiet tinbena fuq għeruq sodi.

Fl-1985 u fl-1986 Mario Bezzina kien parti mill-grupp tal-Għ.P.M. li żar Rivachiara ġewwa Catanzaro fuq stedina tal-Accademia dei Bronzi di Catanzaro. Il-grupp mhux biss kien ħa sehem f'Konkors ta' Poeżija, imma kien ħa sehem f'Serati Letterarji li kienu saru kemm f'Rivachiara kif ukoll fi bliet oħra Kalabriżi.

Ta' min ifakkar li Mario Bezzina għamel ħmistax-il sena (1977-1992) President tal-Moviment Qawmien Letteraju. Sadattant, fl-1982 waqqaf il-Moviment "Ħeġġa Letterarja '82". Organizza diversi konkorsi u attivitajiet letterarji dejjem b'riżq il-poeżija. "Ħeġġa Letterarja '82" tul is-snin li damet imwaqqfa ippubblikat numru ta' antoloġiji poetiċi.

Mario kien poeta bravu. Dan jixhduh il-premjijiet li rebaħ kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Poeżiji tiegħu ġew tradotti fit-Taljan, fl-Ingliż, fl-Esperanto u fil-Franċiż. Huwa ħallielna numru ta' pubblikazzjonijiet li ċertament iżommu ħajja l-memorja tiegħu fil-qasam letterarju Malti.

Mario u jien ħdimna ħafna qrib xulxin mhux biss fi ħdan l-Għ.P.M. imma wkoll fiż-żmien meta hu kien editur letterarju tal-gazzetta "It-Torċa" u jien kont editur letterarju tal-gazzetta "Il-Ħajja". Ċertament, il-ħbiberija tagħna marret 'il bogħod ferm aktar minn hekk. Minjaf kemm qattajna ħin nitkellmu fuq it-telefown! Saħansitra ddedikajna poeżiji lil xulxin.

Għalhekk, il-memorja tiegħu ser nibqa' nġorrha miegħi tul ħajti kollha.

**Mingħand Therese Pace (16 ta' Ġunju 2017):**

Il-karriera letterarja ta' Mario F. Bezzina hi fatt magħruf biżżejjed hekk li miniex se nitkellem dwar din il-parti tal-personalità tiegħu, imma nagħżel li ngħid xi ħaġa dwar is-sens ta' umanità u r-rettezza tiegħu.

Kont naf lil Mario F. Bezzina peress li konna noqogħdu fl-istess raħal għalkemm fi trufijiet differenti. Għal xi żmien, kellna wkoll lil uliedna bniet fl-istess klassi, għalhekk konna niltaqgħu barra nistennew lit-tfal jiskulaw u ngħaddu ftit minuti nitkellmu dwar il-qagħda letterarja f'Malta speċjalment dik tal-poeżija, li t-tnejn kienet il-ġeneru preferut tal-kitba tagħna. Kien jinkoraġġini ħafna biex inkompli nikteb u ġieli stedinni wkoll għal xi programm ta' "Mill-Ġnejna Maltija" jew xi programm ieħor li kien jippreżenta fuq il-Radju.

Mario kien jaħdem bħala skrivan fiċ-ċivil. Jaqdi xogħlu skont l-esiġenza bla ma jgerger wisq. Kien bniedem onest u miġbur, raġel tal-familja bla pretensjonijiet żejda. Kien jaf jaqsam l-irwol ta' ġenitur ma' martu. Ħafna drabi kont niltaqa' miegħu jixtri l-bżonnijiet għad-dar u jieqaf jitkellem miegħi u ma' ħaddieħor dwar l-isfidi tal-ħajja fil-familja, il-problemi li kien ikollu iħabbat wiċċu magħhom minn żmien għal żmien, dwar l-edukazzjoni, il-ħajja parrokkjali, id-diżappunti li ġarrab u mitt ħaġ'oħra. Kien jirsisti tassew għall-publikazzjoni ta' "Ħeġġa Letterarja", jiġri u jdur il-ħwienet u l-azjendi biex isib sostenituri. Kien jgħidli mingħajrhom il-poeżija tmut mewta naturali. Jilmenta xi ftit dwar kif kien jispiċċa jqassam il-kotba flok ibigħhom. L-aħħar li ltqajna kien deher xi ftit għajjien u mikdud. Niftakar kien stqarrli li ser jirregala d-dokumenti letterarji tiegħu lil-Librerija Nazzjonali. Nittama li dan kien laħaq wettqu biex kitbietu jkunu ppreservati bħala wirt għall-ġejjieni.

# IMUT IL-POETA, KITTIEB U ESPERANTIST TALJAN AMERIGO IANNACONE



Nhar it-12 ta' Lulju 2017 miet kittieb, poeta u Esperantist Taljan, minn Isernia, Amerigo Iannacone. Kellu 67 sena. Ittajjar minn karozza huwa u jaqsam fuq iż-*zebra crossing* biex bħal kull filgħodu jieħu kafè u jaqra l-aħbarijiet tal-jum fil-ħanut preferut tiegħu. Ħalla warajh vojt kbir.

Amerigo Iannacone twieled f'Venafro (fir-reġjun tal-Molise) fis-17 ta' Mejju, 1950. Għallem għal snin twal fl-iskejjel tas-sekondarja. Kiseb darbtejn il-Premju tal-*Presidenza del Consiglio* għall-Kritika Letterarja. Kien bniedem ta' kultura vasta, ġeneruż, altruwist, poeta, kittieb, editur tar-rivista mensili *Il foglio volante*, u fundatur u direttur ta' "Edizioni Eva" li permezz tagħha ppubblika l-poeżiji ta' poeti mid-dinja kollha. Jien iltqajt miegħu fl-2011 imma kont f'kuntatt miegħu spiss permezz tal-posta elettronika. Se ngħożż iktar il-bosta kopji ta' "Il foglio volante" li kont nirċievi regolarment u li fih ippubblikali bosta poeżiji tiegħi.

Ix-xogħlijiet ippubblikati tiegħu huma ħafna. Fost il-ġabriet ta' poeżija: *Pensieri della sera* (1980); *Dissolvenza incrociata* (1983); *Ruit hora* (1992); *Mater* (1995); *Semi* (2004); *Stagioni* (haiku, 2005); *Luoghi* (2009); u *Parole clandestine* (2010). Fost il-kotba ta' narrattiva: *A zonzo nel tempo che fu* (2002); *Cronache reali e surreali* (2006); *Il Paese a rovescio e altre fiabe* (2008); u *Matrioska e altri racconti* (2011). Kiteb ukoll kotba ta' riċerka u kritika letterarja: *Verso il fonetismo - Evoluzione della scrittura* (1994); *Da Babilonia a Esperantujo – Considerazioni sulla lingua internazionale*, (1998); *Testimonianze - Interventi critici* (1998); *Nuove testimonianze – Interventi critici* (2005); u *Prefazioni e postfazioni* (2010).

Il-ħabib tiegħu u poeta Antonio Vanni kien kitiblu daħla għall-ktieb awtobijografija tiegħu *C'ero anch'io. Un'autobiografia o quasi* (2017). Vanni jikteb li Iannacone kien jistaqsi dwar l-utilità jew le tal-awtobijografija ppubblikata. Il-lingwaġġ hu komunikazzjoni. L-awtur li jikkomunika mal-qarrej dwaru nnifsu tal-imgħoddi jispiċċa biex jistagħna l-"jien" tiegħu stess tal-ġejjieni, u l-preżent tal-qarrej attent. Vanni jfakkar li r-rivista letterarja bilingwi (Taljan u Esperanto) "Il foglio volante" ilha toħroġ sa mill-1986, u dan kull xahar mingħajr ma qatt qabżet ħarġa waħda. Iannacone rnexxielu jlaqqa' bosta persuni li jħobbu l-poeżija u l-letteratura, mill-inqas minn tliet reġjuni Taljani differenti: Molise, Campania u Lazio. Vanni jikteb ukoll li meta kien żgħir Amerigo Iannacone kien jaqbad it-tren li minn Venafro kien iwassal għal Isernia (il-post fejn kien joqgħod Iannacone). Dan tal-aħħar kien jistenna lil Vanni fl-istazzjon tal-ferrovija u jieħdu d-dar tiegħu, fejn iż-żagħżugħ kien jintilef fil-pjanu u fil-librerija mdaqqsa tiegħu.




**Fir-ritratt Amerigo Iannacone (xellug) u Antonio Vanni (lemin), u l-kritiku Aldo Cervi (fin-nofs), waqt serata letterarja li saret f'Ġunju tal-2102.**

L-aħħar ħarġa ta' "Il foglio volante" maħruġa minn Amerigo kienet dik ta' Lulju 2017. Minn jum it-traġedja l-ħbieb tiegħu ddeċidew li din il-pubblikazzjoni ma tmutx mal-mewt tal-fundatur u editur tagħha imma tkompli. Għalhekk il-ħarġa ta' Awwissu ħa ħsiebha l-ħabib u poeta Giuseppe

# Il Foglio Volante
## La Flugfolio

Mensile letterario e di cultura varia – Monata literatura kaj kultura gazeto

Anno XXXII - N° 7 - Luglio 2017 Spedizione in a. p. - 45% - art. 2, comma 20/b legge 662/96 - Filiale di Isernia

### Landolfi e la morte del romanzo
(Landolfi è la morte del romanzo)

Sto rileggendo con la sorpresa della prima volta se non maggiore (pare che quella sorpresa, crescendo io, sia cresciuta anche lei con me) gli ultimi 71 elzeviri pubblicati da Tommaso Landolfi nella terza pagina del *Corriere della Sera,* dal dicembre 1967 all'agosto 1978. Tenendo presente, come avverte una nota agli stessi, che la maggior parte arriva soltanto al 1971, anno nel quale Landolfi cominciò a non sentirsi e a non stare piú bene.




Rileggo questi particolari, eccezionali "elzeviri" nel volume pubblicato da Adelphi nel 2012 col titolo, finalmente e definitivamente "landolfiano" *Diario perpetuo*. Un titolo che, sebbene voluto fortemente dall'autore, fu ripetutamente sostituito nel giornale citato con altri e singoli titoli, tanto bizzarri quanto infelici.

Non si ebbero tuttavia in proposito mai reazioni da parte di Landolfi: il quale – si sa – era tanto attento preciso e scrupoloso nel curare la scrittura di questi suoi pezzi ("pezzi d'anima" vorrebbe da definirli) quanto indifferente all'esattezza o meno della loro trascrizione a stampa.

Nonostante ciò, o proprio perciò, non vanno "assolti" quei curatori della terza del *Corriere* per le loro stravaganti e offensive intromissioni: – quei curatori – o dovevano sapere come non una parola usciva mai a caso dalla bocca e dalla penna del narratore ciociaro. Nessuna parola, e tanto meno le due che formano il titolo *Diario perpetuo*.

Quel titolo, infatti, in particolare, era stato da sempre progettato e inseguito dal suo autore. Non solo dal 1969, quando lo aveva proposto ad Arrigo Benedetti nell'inviargli per il suo rinnovato *Mondo* il racconto *Le maiuscole;* ma fin dal 1954 quando lo aveva aggiunto come sottotitolo all'altro racconto apparso in stampa col titolo *Ombre*.

Insomma, era nata quasi insieme con Landolfi l'aspirazione o l'ispirazione a voler procedere, a *dover* procedere, prima o poi, alla narrazione delle varie fasi della sua vita; ed era nato quasi insieme con Landolfi quel titolo ripetutamente contraffatto dal *Corriere*.

E cosí, mentre scriveva su altro e di altro, Tommaso Landolfi pensava a scrivere, e

**Tommaso Lisi**

Continua a pag. 2

Napolitano, filwaqt li għall-ħarġiet ta' wara hemm numru ta' voluntiera li lesti li jgħinu biex din il-pubblikazzjoni tibqa' ħajja flimkien mat-tifkira ta' Amerigo Iannacone nnifsu. Fil-ħarġa ta' Awwissu Giuseppe Napolitano jikkummenta hekk: "Amerigo Iannacone nqatel fl-għodwa tat-12 ta' Lulju (anniversarju tat-twelid ta' Pablo Neruda), f'Venafro, il-belt tiegħu, waqt li kien qed jaqsam it-triq […] waqt li kien sejjer iġib il-gazzetta u jieħu kafè fil-bar.

Kont kellimtu l-lejla ta' qabel: kien qed jipprepara t-tnedija ta' ktieb f'Formia, l-aħħar tal-Edizioni Eva. Ċempluli wieħed wara l-ieħor u fi żmien qasir il-ħbieb Antonio Vanni, Maria Giusti u Ida Di Ianni: ma stajtx inwieġeb għall-ewwel tnejn u mill-aħħar waħda, mid-dmugħ ta' Ida, fhimt li kienet għadha kemm seħħet traġedja.

F'dawk il-jiem Amerigo kellu jiltaqa' mal-*printer* l-għażiż Pontone, f'Cassino, biex jipprepara l-ħarġa l-ġdida ta' "Il foglio volante". Din. Din li issa l-ħbieb orfni riedu jiddedikaw kompletament lilu, lil ħabib li miegħu terrqu distanzi twal id f'id mal-kelma, għall-imħabba tal-kelma miktuba: flimkien miegħu, konna ħafna li bqajna nemmnu, fil-valur tal-kelma. Konvinti li l-poeżija għad għandha post fil-ħajja, li taf u tista' tkellem lill-aħjar parti tal-bniedem, dik kapaċi taqra lilha nnifisha minn ġewwa u toħlom."

Dawn huma żewġ poeżiji ta' Amerigo Iannacone li dehru f'"Il foglio volante" ta' Awwissu.

**EPPURE**

Eppure
c'è sempre un motivo
per vivere
anche quando
non riesci a vederne nessuno.
Eppure
tutti, anche tu,
hanno un ruolo
e hanno un posto
nella storia dell'uomo.

**EFFIMERI PETALI**

Siamo l'immagine
che passa sullo specchio
siamo il vento che fugge
siamo farfalle
effimeri petali
di illusori fiori.

# Il Foglio Volante
## La Flugfolio

Mensile letterario e di cultura varia – Monata literatura kaj kultura gazeto

Anno XXXII - N° 8 - Agosto 2017 Spedizione in a. p. - 45% - art. 2, comma 20/b legge 662/96 - Filiale di Isernia

### Numero dedicato alla memoria di Amerigo Iannacone
(Venafro 17 maggio 1950 – 12 luglio 2017)

#### A tutti quelli che lo ricorderanno



*Ultima lettura di poesie in Biblioteca a Venafro il 20 giugno con gli amici "Extravaganti".*

*Soprattutto dopo un grande dolore, tempesta rovinosa della nostra esistenza quotidiana, non ci è dato cessare di vivere. Come un campo battuto dalla grandine, occorre farsi forza e ricominciare, ancora e ancora e ancora, finché una sola goccia di linfa vitale rimarrà in noi.*

#### Cartolina precetto

*Quando partirò*
*porterò con me soltanto*
*una valigia di ricordi*
*qualche rimpianto*
*per l'amore non dato e non avuto*
*un po' di nostalgia*
*per un'epoca d'oro favolosa*
*sempre immaginata.*
*Lascerò*
*un pezzo di anima*
*e un brandello di cuore*
*che avranno vita di parole.*
*Quando partirò*
*vorrò avere il volto sereno*
*e lasciare un sorriso*
*per quelli che con me*
*condivisero sogni luminosi*
*ed eteree speranze.*
*Ecco: il bagaglio è preparato.*
*Non aspetto*
*ma non sarò troppo sorpreso*
*quando arriverà*
*la cartolina precetto.*

*(Ceppagna, 12 giugno 2014, 22,35)*

Da *Eppure*

## IN-NUĊĊALI

**Rakkont ta' Lina Brockdorff**

B'leħnu baritonali beda: "If I were a richman, ya ha, deedle, d…e…e...d…l..e du…" Fetaħ il-vit tad-doċċa bil-qawwa. Waqaf f'salt. Induna li bil-ġenn biex ifittex jidħol taħt id-doċċa kien nesa jneħħi n-nuċċali. Qalgħu minn ma' wiċċu u fittex ħoġor it-tieqa żgħira miftuħa fil-qrib biex ħallieh hemm. Kompla jkanta: "I'd build a big tall house with rooms by the dozen, right in the middle of the town …"

"Min jismagħni jaħseb li tabilħaqq nixtieq li jkolli dar kbira. Dik jonqosni! Hawn f'daż-żewġt ikmamar ninsa fejn nitlaq l-affarijiet."

Kien beda Ottubru imma t-temp ma riedx jaf għax wara sajf qalil, qisha s-sħana drat hawn u ma xtaqitx tbatti. Colin, wara jum iebes l-Università kien jistenna bla sabar għal dak il-mument meta hemm, taħt id-doċċa jerġa' jibda jħoss ftit enerġija dieħla minn kull por ta' ġismu, waqt li jaħsel u jeħles minn kull dell ta' inkwiet, ta'għeja u diżappunt ta' matul il-jum. Kien il-ħin li fih jinsa wkoll xi ftit il-qtigħ il-qalb ta' dawk l-ewwel jiem li minn Għawdex wasal Malta biex jgħix fi flett għal rasu. Ħassu bħal għasfur li mar jgħix f'bejta li mhix tiegħu, u bejta ċkejkna xi ħaġa …

Kollox kien għadu ġdid, mhux biss il-fatt li ried jaħseb hu biex jixtri, isajjar u jiekol … fejn qatt basar li għad ikollu jagħmel kollox hu! U bħal dak li qallu, dan ma kienx biżżejjed, żid magħhom dawk is-salt uċuħ ġodda ta' studenti li ftit li xejn kienu jħajruh biex jindiehes magħhom u jsiru jafu 'l xulxin. Kollha bil-klikek tagħhom. Miskin int jekk biss tipprova tersaq lejn xi ħadd minnhom. L-istess hemm f'dak il-blokk ta' tmien fletts qrib l-Università. Isfel nett kien hemm żewġ familji joqogħdu, waħda fuq kull naħa, waqt li fl-oħrajn aktarx kollha studenti, qishom għadhom jibżgħu minn xulxin u kieku xi ħadd biss jitbissimlek. Kollha uċuħ ta' iħirsa.

Wara xi għaxar minuti waqqaf l-ilma u beda jixxotta. Kien għadu ma jistax jidra f'dik in-naqra ta' rokna żgħira tad-doċċa. Erħilu waqt li jixxotta jew jinħasel jaħbat minkbejh mal-madum tal-ħajt, dak djuq! Ħareġ minn dak il-kwadrant tad-doċċa bix-xugaman f'idu x-xellugija waqt li bil-leminija beda jteftef fuq ħoġor it-tieqa biex isib in-nuċċali. Il-vista tiegħu kienet batuta, mingħajr in-nuċċali ma jarax wisq …

"Jien żgur li hemm ħallejtu … niftakar li dħalt bih fid-doċċa … stenna ftit …" resaq eqreb it-tieqa waqt li niżżel geddumu magħha biex jara aħjar … "Imma jien hemm poġġejtu …" Niżel kokka mal-art u b'idu beda jfittex forsi seta' laqtu waqt li kien qed jixxotta … meta bħal sajjetta fil-bnazzi ġie f'moħħu l-fatt li jekk laqtu hu waqt li qed jinħasel, in-nuċċali waqa' 'l barra u mhux 'il ġewwa!

"Magħmula tiegħi! Jekk waqagħli 'l isfel dak aktarx sar tħin! Għandi ieħor qadim, ikrah seba' pesti u li ma jaqdinix sew. Ħaqqni, ommi kienet ilha treddinli biex naħseb għal ieħor. Kieku tinsab hawn bħalissa mur oqgħod b'ilsienha!"

Ħass u xamm ukoll l-għaraq ixoqq għalih, seta' ma ħa doċċa xejn. Mhux ser jinsieha din! Ixxotta sew saqajh u bil-mod mar fil-kamra tal-ikel u beda jfittex f'bagalja fejn mingħalih kien jinsab in-nuċċali l-qadim. Sabu. L-ewwel ħaġa li għamel kienet li ħareġ rasu minn ġot-tieqa tad-doċċa biex jara jilmaħx fil-bitħa n-nuċċali it-tajjeb. Sadattant żamm sew b'idejh it-tnejn dak in-nuċċali l-qadim li jiġih ftit laxk li ma jmurx jitħajjar jagħmel bħal sieħbu. L-ebda ċans li jara ċar aktar minn ftit metri 'l isfel. Beda jilbes bil-mod. Addijo l-kant, waqa' f'paniku u swied ta' qalb kbir. Beda jaħseb: "If I were a rich man … Istra! L-ewwel ħaġa li nagħmel kieku nordna seba' pari nuċċalijiet, wieħed għal kull jum tal-ġimgħa u mhux nibni dar f'nofs il-belt."

Kif seta' jgħix mingħajr in-nuċċali? Tgħid jissogra jinżel isfel u forsi ma tafx kif jagħmel kuraġġ biżżejjed biex iħabbtilhom il-bieb u jsaqsihom jekk sabux xi nuċċali fil-bitħa? Ommi, x'mistħija! Jaħsbuh li qed jiġġennen! Mela n-nuċċalijiet jikbru fil-btieħi? Dam itella' u jniżżel jekk kellux tabilħaqq imur isaqsi għal dak l-imbierek nuċċali. Beda jħejji x'ser jgħidilhom wara li jiftħu l-bieb, fuq kollox, jittama li jsibhom hemm: 'Skużawni, jien Colin Arpa li noqgħod fil-flett ta' fuqkom …' Le, le! X'jimpurtahom dawk fejn noqgħod! Insaqsi dritt għan-nuċċali. Nerġa' nibda: 'Għalli jista' jkun ma sibtux xi nuċċali …' Le, lanqas hekk ma jogħġobni. Xi ħaġa, b'xi kliem neħtieġ infissrilhom fiex ninsab … Għal ġieħna …jien qed nistudja fil-kors tal-komunikazzjoni!"

Sadattant … f'wieħed mill-fletts t'isfel kienet toqgħod Phyllis m'ommha. Tfajla żagħżugħa li hi wkoll tmur l-Università. Kienet ilha li nnutat li fil-flett ta' fuqhom minn dawk l-aħħar ftit jiem kien hemm

wiċċ ġdid. U studjatu sew dak il-wiċċ minn wara l-purtiera tal-bizzilla tat-tieqa tal-ħġieġ tas-salott tagħhom. "Ġuvnott gustuż, għalkemm … xi dnub, jaħasra … dak in-nuċċali b'dak il-ħġieġ oħxon … dak għax ma jużax lentijiet? Jaqaw qatt ma sema' bihom? U kemm iħobb ikanta! Qisu jaf li għandu leħnu sabiħ, nistennih dejjem wara nofs in-nhar biex jibda jinħasel u jkanta. Mhux darba u tnejn ġietni t-tentazzjoni li nwieġbu u nibda nkanta miegħu …"

Biex tisimgħu sew kienet tħalli t-tisqija tal-qsari għal dak il-ħin li jibda jinħasel. U hemm kienet dak il-ħin li Colin laqat in-nuċċali li b'xorti tajba niżel fil-qalba tal-palma ta' mal-ħajt. Tgħidx kif inħasdet Phyllis! Inħasdet u tbissmet fl-istess ħin għax f'ħakka t'għajn nibet f'moħħha pjan ta' x'kien biħsiebha tagħmel bin-nuċċali. Ħaditu f'idejha, mesħitu sew għax kien qisu mxarrab. Baqgħet titbissem.

Sewwa, dik titbissem hemm isfel waqt li l-ieħor jindanna hemm fuq b'ħassħażin ta' inkwiet ma jafx fejn ser jibda jagħti rasu. Ħares fil-mera. Phu! Kemm kien ikrah dak in-nuċċali l-ieħor! Biex jinżel isfel jaqbel li jneħħieh minn għajnejh, imma jekk jitfixkel u jaqa' t-taraġ …

Sema' taħbita ħafifa fuq bieb il-flett tiegħu. Ma kienx żgur, baqa' ssummat u ċċassat jaħsibha jekk jiftaħx jew le. It-tieni taħbita. Neħħa n-nuċċali minn għajnejh, tefgħu fuq siġġu qrib u mar jiftaħ. Hemm jara tfajla bi tbissima, u aktar importanti mit-tbissima kien il-fatt li kellha n-nuċċali tiegħu f'idejha. In-nuċċali tiegħu qawwi u sħiħ! Kif ser isib kliem biex jirringrazzjaha lil dik l-anġlu tas-sema? Hi wkoll qisha ma tantx kienet taf x'kellha tgħidlu … għax intilfet tammira dawk il-par għajnejn sbieħ li qatt ma rat bħalhom!

Daħlet u damet hemm l-isbaħ nofs siegħa. It-tnejn kienu kuntenti li saru jafu 'l xulxin, u li n-nuċċali reġa' kien f'għajnejn Colin, għalkemm dak il-ħin stess waħħalha f'rasu li l-għada ser jara x'jagħmel u jaħseb għal nuċċali ieħor.

U għamel xi ħaġ'oħra wkoll l-għada. Mhux li seta' jagħmel wisq kapriċċi mill-ftit flus li kellu… imma xtara warda friska ħamra nar, qal lil tal-ħanut biex igeżwirhielu f'borża trasparenti u biċċa żigarella, ħamra wkoll. Meta wasal id-dar kiteb nota ċkejkna għal magħha: "Għażiża Phyllis, ma nixtiqekx titla' t-taraġ biex iġġibli din il-warda. Din għalik biex nurik kemm apprezzajt il-qalb tajba tiegħek. U xi darba, fi tmiem il-ġimgħa, jekk għandek pjaċir, noħorġu flimkien. Colin"

Bies il-warda, poġġieha f'borża oħra tal-plastik trasparenti biex ma jqabarhiex u telaqha għal nofs il-bitħa qabel ma beda jinħasel u jkanta: "If I were a rich man …" Ħassu kuntent għalkemm flus wisq ma kellux.



**LIL-ALLEN GINZBERG**

**Ispirata mill-poezija *Howl* ta' Allen Ginsberg miktuba għal Carl Solomon (1956)**

Jien bħalek rajt l-aqwa poeti
tal-ġenerazzjoni tiegħi jittallbu l-għarfien
mormija…
Moħlija…
Il-gawhar ta' ruħhom f'saqajn
poplu trux u aljenat
f'ilsien ieħor, li mhux demmu…
sakemm qalbhom waqfet tħabbat
u mietu fit-tajn u l-ħama.
Taħt bankini mxarrba b'demm il-martri…
taw imħabbithom…
taw ħajjithom…
u ma riedha ħadd.

**MANUEL CASHA**

**B'DEDIKA LILL-ĦMAR LI SAB RUĦU MDAĦĦAL F'DIMOSTRAZZJONI POLITIKA: (B'APOLOĠIJA LIL G.K. CHESTERON)**

Hemm fid-demm tiegħi antenat li darba
fuq dah'ru ġarr Messija dieħel f'Sijon,
widnejh imtlew b'għanjiet ta' ferħ u merħba
u mexa fi triqat miksija twapet
u għafsu l-friegħi taż-żebbuġ imfewwaħ
u ra quddiem għajnjh il-palm jixxejjer.
U l-antenat darb'oħra ħassu kburi
w umli li kien magħżul iġorr Messija.
U issa, ħaqq iż-żikk, jiena sibt ruħi,
fuq trakk, b'bandiera ta' poilitka ksewni,
widnejja ttarxu b'ħorniiet stunati
u kant illi ma fhimtx w għajjat bla sura.
U xtaqt il-kenn u l-wens ta' stalla b'tiben,
u mmaxtar silla friska. W nieħu raqda.
U forsi noħlom b'laqgħa w merħba oħra
li kellu Sidna li ġarru wieħed bħali.

**ĠORĠ PERESSO**
**(Mill-paġna facebook)**

**ĦDEJN IL-BAĦAR**

Il-mewġ ġej u sejjer
mal-plajja ferħan
inissel ġo qalbi
mument ta' serħan.
bil-ħerqa nixxennaq
għal ftit tal-mistrieħ
u żiffa li tmelles
u thenni qatigħ.
Immur f'xatt il-baħar,
xi mkien fejn m'hemmx nies
u hemm tant nitgħaxxaq
b'dil-firxa bla qies
li lili twennisni
timlieni bil-ferħ,
mit-toqol tal-ħajja
tagħtini kull serħ.

**CHARLES CASHA**
**(minn *Riflessi*, KKM 2014)**

**EPITAFFIO (2)**

Stante,
che stare qui
non è vietato,
che Colui di cui
anche solo l'essere,
e nonesserci più, è suo,
che mai nessuno ci disturberà più,
che vi porterà qui solo l'amore.
Stante
tutto ciò
questo silenzio è o no
il mio bacio a te?

**JOHN CONSIGLIO**

**SULLA SPIAGGIA DI MIA VITA**

Sulla spiaggia di mia vita
m'invigorisce il sole
che risplende,
ed insieme,
- il sole e la spiaggia -
ricordano ognuno…
e la voce aspra
della scintilla,
rimbomba nel buio…
dopo il sole scende
dietro la montagna
di mia vita
passante.

**RIGU BOVINGDON**

**F'MARSALFORN**

Mill-qasbija lubiena,
tofroq is-skiet
il-għanja ta' werżieq
u titla' tixxabbat
mal-ġebel tal-għolja
li twennes il-wied.

Minn tieqa miftuħa
toħroġ ferrieħa
il-għanja taż-żgħażagħ
u tixhed bil-ħlewwa
il-hena tal-qlub
li jafu x'inhu s-sewwa.

**JOHN MALLIA**

**BIL-QALB IMRAŻŻNA**

Ma rridx li nasal għandek
bil-wiri ta' xi doni
jew b'ħars li fih jinqara
xi ħjiel ta' pretensjoni.

Minflok, nixtieq li niġi
bil-qalb imrażżna sewwa
għax biss bil-ħila tiegħek
li nista' ngħaddi 'l ġewwa.

**ĠORĠ BORG**

**OLYMPIA**

i) it-tfal bħas-soltu kienu jilagħbu
u ħarist jien f'għajnejk mifxul
għall-ewwel darba...
bħal tifla ċkejkna li lemħet
pappagall bi lwien il-għaġeb
ġewwa gaġġa f'nofs il-misraħ
f'dawl ix-xemx misterjuż...
u fihom ilmaħt għal għarrieda
ġmiel il-ġmiel imfawwar
bi fwieħa safja
u l-baħar b'qamar iż-żina
li jien ħabbejt (u forsi int)
fis-sikta b'għanjiet għaxxieqa
fis-sigħat ħiemda ta' lejliet
sajfija...
ii) fil-bogħod bħal leħnek
il-qniepen tal-knejjes
semmgħu leħenhom bi
ħlewwa...
u qtajjet il-ħamiem
ittajru hekk ħabta u sabta
bla serħan
b'ritmu ta' melodija
fid-dija u s-seħer
ta' fil-għaxija...
iii) b'subgħajja jilagħbu
fir-ramel dehbi u mxarrab
b'mewġ jitwieled
xtaqt lilek il-lejla l-lejla
bħal statwa bla ċagħka f'idejja
għarwiena bi mħabba
bi mħabba għarwiena...
bi dliel ġerrejja...
jew bħal ħalla f'infiħ l-irjieħ
ħawwiefa...
tinbaram tinbaram għax-xejn
fix-xejn
fix-xejn għax-xejn
f'orizzont imbiegħed
għalissa bla dgħajjes
is-sajjieda...

**MARIO F. BEZZINA**
**(Minn *Fis-Seħer ta' l-Għaxija*, 12/7/79)**

**MIN-NAĦA L-OĦRA TAL-LINJA...**
**(b'dedika lil Mario F. Bezzina, wara li tkellimna fuq it-telefown, 23 ta' Ġunju 2010)**

bħal kewkba feġġejja
li tħaffef fl-ispazji għammieqa
ħuġġieġa ħafifa bla lġiem...
bħal leħen li jmelles bi kliemu għaslija...
bħal tila li thenni b'ilwienha...
bħal xarxira bi dmugħa mbierka
taħji l-ibgħad irkejjen tar-ruħ...
bħal tajra ħawwiefa ħarsitha mill-għoli
timraħ fuq iġbla u xmajjar u msaġar bil-kotra...

hekk inti ħafif kont
imgħallem fis-sengħa tal-melodija...
bħal pellegrin li terraq u għanna bla sabar
l-ispazji miftuħa, imsieraħ, bliet, monumenti
li b'demmu naqqax fuq karta l-oħla mumenti...

biex issa
għad-destin baxxejt rasek
u tiegħek ix-xija ħallejt tiftel u tnin
u leħnek setgħan siket ħesrem
u żebgħa u pniezel armejthom f'qiegħ l-għadira
ilsienek sar mota ta' rassenjazzjoni
muta d-disperazzjoni...

biex issa
ma fadal xejn ħlief ħondoq sewdieni
jirbombja l-uħux imgħoddija
u jaħkmek il-piż tal-aħħar mument, tal-istennija...

biex issa
midrub mill-ħarsa ġeblija ta' Medusa
warrabt mar-riħ dak li fih tant emmint
moribond tistejqer bi qtar id-delużjoni
maħkum mill-ħarsa mqita ta' ħajja illużjoni...

biex issa
minn jeddek ittarraft għal dejjem
u nqfilt bejn ħitan il-jien mġarraf, imherwel...

biex issa
bejn kelma u ta' w'rajha
jgħajjat l-uġigħ qatigħ tal-imġarrab
ta' min għal żmien twil – u għadu –
ġarr il-madmad tal-kundanna
minkejja li b'ħażen u bi dnewwa
qatt ma emmen...

biex issa
bħal Kristu msallab tgħajjat
"Kollox mitmum!"...

biss ftakar
li l-weraq jaqa' u jidbiel
imma wirtek il-kelma miktuba
għomorha jtul maż-żmien...

**PATRICK SAMMUT**
**(Minn *Trifolju ta' Lwien*, 2014)**

## RASSENJAZZJONI

Lid-destin tagħmillu ebda sfida!
għal din il-lotta ma tkunx felħan!
Lissen it-talba
ħalli ma tmutx bħal beżżiegħ fit-taqbida
jekk qatt jinqala' xi urugan.
U meta l-baħar qed jiddagħdagħ
tidħolx bid-dgħajsa f'mewġ kbir
m'għandekx biżżejjed saħħa ssuqha
għax mingħalik li tkun qalbien.
Ħaddieħor maħluq għall-ġlied u storbju,
u jirbaħ jew jinbela' mid-dagħbien.

Imbagħad hawn min ikun bil-kwiet immexxi
mill-ħsieb u r-riflessjoni
fit-triq komuni mingħajr tentazzjoni.
U jippreferi li t-temp ikun bnazzi,
ħdejn id-dar – għadira kaħlanija,
tar-ruħ ħelsien, ta' qalbu sliem,
tal-ħidma umli il-qdusija.

**F'Ġunju li għadda għamlet żjara uffiċjali f'Malta l-Gran Dukessa Marija tar-Russja biex timmarka l-140 anniversarju mit-twelid ta' nannitha l-Gran Dukessa Victoia – Melita li twieldet fil-kappella Russa tal-Palazz ta' San Anton, fil-25 ta' Novembru 1876. Għalhekk it-tieni isem tagħha kien Melita. L-Gran Dukessa Marija tar-Russja hija dixxindenti ta' Alessandru II, li kien il-bużbużnannu tagħha. Dan l-Imperatur tar-Russja kellu l-poeta favorit u l-ħabib tiegħu l-Prinċep Pyotr Vyazemsky (1792 – 1878). Din hija waħda mill-poeżiji li kiteb hu fl-1862. [Nota u traduzzjoni mir-Russu ta' Yana Psaila].**

## MINN ĦOLMA GĦAR-REALTÀ

Siegħa traffiku wara ġurnata xogħol
tliet dawriet mal-blokk u post għal karozza fl-aħħar sibt.
Fit-tmienja, l-aħbarijiet;
politiċi, 'ndragheta, mafia, gomorra u x'naf jien,
waqt li platt bucatini all'amatriciana, niggustaw flimkien.

Żmien is-sajf, sħana w umdità,
galleriji u twieqi miftuħin, forsi tidħol ċaqliqa frisk.
L-għejja għamlet tagħha, ħin l-irqad;
storbju ħiereġ mit-twieqi tal-ġirien, televixin, radju u tpaċpiċ,
grazzi għat-tazza nbid, tħeddilt.

Tmiem il-ġimgħa, mawra sa Ruma,
traffiku ma jispiċċa qatt u sewqan bla ebda responsabbiltà.
Serata romantika, qalb it-toroq dojoq u sqaqien;
teħilli t-takkuna, bejn żewġ san pietrini mberkin,
b'gelato fil-ħsieb, ħaffift.

Hemm baħar jaqsam,
minn dak li wieħed joħlom, għall-vera realtà.
Imma bħala turist ma taħsibihex;
kollox hu isbaħ u ahjar minn art twelidek meta tkun trankwill.
Hi din verità jew negattività?

**THERESE VELLA**
**(Albano, Roma 2004 – 2012)**

## ĦAJKU

Kull ġurnata mitmuma  hi
Biss pass 'ieħor
Mit-tmiem tad-dinja

**KEVIN TANTI**

## M'AĦNIEX SE NBAXXU RASNA

Suppost inbaxxu rasna, nibqgħu siekta,
nikkuntentaw bil-loqom tal-futur.
Nintefgħu f'ġenb biex jiġru fostna l-gafef,
inwarrbu biex inħallu r-rota ddur.

Suppost inxammru l-kmiem, immiddu jdejna,
kull roqgħa xagħri u blat, kull ftit ħamrija,
naraw kif se nħaffruha, kif nibnuha,
nisquha l-juice tal-konkos bħal tarbija.

Suppost noħolmu kbir bil-bini għoli
biex bħall-allat immissu d-dawl tas-sema.
Imbagħad mill-isqaqien, qalb trab u skużi,
inlaqqtu d-dlam u l-ġenn li jkun inġema'.

Imm'aħna mhux biħsiebna nbaxxu rasna.
Lil ħalqna m'għandna ebda ħsieb nagħlquh.
Għax l-art, id-dawl, għax l-arja ġid komuni,
tal-ħlejjaq kollha b'nifs u b'qalb u b'ruħ.

M'aħniex se nobżqu fl-arja għal ġo f'wiċċna
nagħmluha tal-allat tas-sema u l-art.
M'aħniex se nilbsu l-għamad, ngħaddu gaffa,
u nwellu lil uliedna trab u mard.

Xammarna l-kmiem għax għandna ħolma ċkejkna
li kull maħluq, sal-inqas ħlejqa msejkna,
jistħoqqlu jgawdi l-ward li jfuħ f'ħajjitna,
jistħoqqlu l-art u d-dawl u n-nifs li writna.

**ADRIAN GRIMA**
**Pembroke, 19.7.17**

## IMLEJTU KULL FEJN SIBTU

Imlejtu kull fejn sibtu
biex ma ħallejtu xejn
fejn wieħed jista' jimraħ
mingħajr ma jara krejn.

Imlejtu l-bajjiet kollha
bil-bini u t-tisqif,
bil-griebeġ, barumbari
tajbin biss għat-tiġrif.

Ħarbattu l-plajja kollha,
bil-mostri ta' disinn,
u sraqtu wkoll kull xtajta
biex ħadd ma jmur lil hinn.

Fix-xitwa ċimiterju
bnejtuhom għall-ftit xhur
tas-sajf li jiġi u jgħaddi
'l hemm ħadd ma jerġa' jmur.

Jekk għandkom fejn toqogħdu
m'hawn ħadd li hu bla dar
fi djarkom sbieħ lussużi,
għalfejn dal-gallinar.

Ħarbattu kull fejn sibtu
fejn wieħed seta' jdur
rewwaħtu qiskom l-għomja
lis-suq li beda jfur.

Hu dan tort tas-suq ħieles,
nuqqas tal-ippjanar,
jew għax żvilupp ifisser
mit-taġen għal ġon-nar?

**ALFRED GRECH**
**07/08/2017**



### ORIENTATION

After their death, no emperors and ministers are immortal
Those who are earnest and do not seek fame, get their fame
Why is the reason behind?
Is it the Creator is joking on us?

Who can set the orientation of a person?
He who is wealthy and powerful?
The powerful with their power
The wealthy with their wealth
Thus can they set their orientation?

Or who can set the orientation of a person?
Geomancers?
Under special invitation
They choose a valuable land with a good geomantic omen
But can they set the orientation of a dead person?

Who can set the orientation of a person?

**HSU CHICHENG**
**Iċ-Ċina**

### HAIKU

The ants are marching
Deep inside the no-ant's  land
Legion of doom.

Grey leaves on the streets
Autumn like a newly born
Kittens chasing flies.

The wild horses roam
They are caught  in a dream
Of freedom and wind.

High flames torch the air
Mountains swarming with black wolves
Horses at the charge.

The cunning tabby
Manages to spare the mice
What a mawkish end...

**DRAGOŞ BARBU**
**Ir-Rumanija**

### BATMAN
### 1928-2017

He was our great illusion
of childhood that lasted
until we had the feeling that
the bat's wings which
protected the man, fell down.
If the others, abandoned us
in trouble, we could
count on Batman, and in
our imagination,
triumph was right
at the corner.
Now his image is gone
and also this crazy idea
that all injustice can be
changed into justice.
Batman's wings
were fake and returned
to the poor animal
hidden in the attic.

**TERESINKA PEREIRA**
**L-Istati Uniti**

### DAWN

What dawn of !!!!!!!!!!!!
dreamy meditation
arcane thoughts
hot kisses
pure innocence gifts

Two angel kisses
my cheeks
excess of myrrh
at time sweet

My fingers diffusely
the colors of doom
scarlet ornaments
wastefully ...

**EFTICHIA KAPARDELI**
**Il-Greċja**

**HO IN MANO UN FILO**

Ho in mano un filo che per gioco arrotolo.
In una stanza vuota di tessitori,
vedo matasse e gomitoli
dappertutto.
Regna il silenzio,
perfino la luce del mattino è ferma.
Altri gomitoli faccio cadere,
mentre finisco d'avvolgere il mio,
e manco ogni momento di più,
l'estremità del filo nella fredda mano.
Non posso tornare indietro
a dipanare il filo della vita,
mentre sento passi e rumori,
svanisco con il dubbio che
i gomitoli da me fatti cadere
sono di amici o dei miei nemici di sempre.
Mi sono consumato da me,
attratto dalla scia luminosa del filo della vita.

**ÇLIRIM MUÇA**
**(*Poesie scelte*, Albalibri, 2010)**
**L-Italja**

**FIAMMA**

Femminile nella grazia dei tuoi
pochi mesi accendi lieve una malizia
in cui non so evitare di rileggere
- è un dono inconsapevole di mamma? -
le antiche impronte e i sogni che mi fecero
arrampicare fino a te proprio per essere
da te così graziosa e lieve acceso
estinguendo ogni altra fiamma

La pazienza dei tuoi piccoli progressi
- scoperta e conquista del mondo -
sorprende ogni volta malgrado
ogni scoperta e conquista è conferma
dei passi già compiuti
nel costante procedere inseguendo
(ma non correre—non c'è
fretta se cammini insieme a me)
inseguendo i vessilli spiegati
che avanti a te già segnano il domani

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
**(*È questo un figlio?* , Edizioni Eva, 2012)**
**L-Italja**

**INTROSPECTION**

The hour has just struck
One should pause for a while
and ask - what introspection is all about?
There are new meanings
into what one sees or fails to see.
Drag those meanings out
and measure the falsehood of truths
or truth of falsehoods - beneath the meanings
just dragged:
Akin to walking  a concrete jungle
where everything seems ensnarling
and never-ending like
the self with its riddling infinity,
infinity, more awe-inspiring
than anything else.
Something is hanging
for too long, there, in the middle of the air,
wriggling fugaciously;
In incontinent embraces of introspection,
its meanings search out for new doors to enter.

**K.K. SRIVASTAVA**
**(*Shadows of the Real*, Rupa, 2012)**
**L-Indja**

**MY  PLACE**

I live deep inside a seashell
that endures the torture so as to create a splendour
which will be cleverly stolen from it
or in the empty pocket of a crippled beggar
who hates charity because it stops him
to find his way out to death.
Maybe in the cardsharper's sleeve
together with the ace that brings
ruin to vanity and ugliness.
Sometimes in the mud of an inevitable lie
that sounds so fine to the ones in love.
Often in the childish hopscotch
when the pebble's hit sings
a melody which the old people acclaim.
Some other time in the nomad gipsies' strings
too happy in the fever of time.
Many times under the Sign of Christ
who chose me to heal
the wounded of the living world.
My place is in the arcan's art chapel
where I make a ritual of confession every day
that rises and vanishes me
at the same time.

**NADIA-CELLA POP**
**(translated by Dragoş Barbu)**
**Ir-Rumanija**




## QASAB IĊAQĊAQ - L-EWWEL VOLUM

**Raymond Grech, 2017**

Din l-ewwel ġabra ta' poeżiji ta' Raymond Grech tiġbor fiha mal-mitt poeżija. Għandha Daħla mill-Prof. Oliver Friggieri, Kelmtejn Qabel mill-istess awtur, u żewġ kummenti kritiċi minn Alfred Massa u Tarcisio Zarb. Fi tmiem il-ktieb Grech inkluda wkoll taqsima b'Tifsir il-Kliem: lista ta' kliem arkajku li juża fil-poeżiji tiegħu bit-tifsiriet rispettivi. L-istil li juża Grech huwa ġeneralment wieħed tradizzjonali, mela jitħaddmu forom metriċi prosodiċi regolari bħall-kwartina jew l-ottava bir-rima mqabbża, is-sunett Ingliż u dak Taljan, is-senarju, is-settenarju, l-ottonarju u l-endekasillabu. Minkejja dan hemm drabi meta l-poeta jitbiegħed jew jeħles mill-irbit tradizzjonali u jħaddem forom ħielsa. Kull poeżija hija ddatata, mela wieħed jista' jara kif il-poeta żviluppa minn sena għall-oħra. Hemm poeżiji fejn Grech jinkludi wkoll fl-aħħar kwotazzjoni mill-Bibbja u anki xi tagħrif miżjud minnu stess li jintrabat mal-kuntest meta nkitbet jew inqrat il-poeżija partikolari. Metaforikament Grech jixrob l-iktar mid-dinja naturali u dik tal-Apokalissi. Fost it-temi ttrattati hemm dik soċjali, it-twemmin, l-eleġija u l-poetika. *Qasab Iċaqċaq* hija perfetta bħala ġabra biex tintroduċina għall-poeżija riflessiva u bnina ta' dan il-poeta li ilu jikteb il-versi sa minn ċkunitu.




## VAGANZI SAJFIN

**Alfred Massa, Horizons, 2017**

Dan ir-rumanz ġdid ta' Alfred Massa għandu ftit iktar minn 200 paġna u jinqasam fi 17-il kapitlu. L-istil hu wieħed mexxej, b'ilsien li jinftiehem bla taħbil il-moħħ żejjed, u tematika marbuta mal-ħajja ta' kuljum. Fiċ-ċentru hemm il-familja tradizzjonali għalkemm Massa jurina li hu konxju sew tal-bidliet li ġabet magħha l-ħajja moderna. Permezz tat-titlu, *Vaganzi Sajfin* jingħaqad maċ-ċiklu ta' rumanzi ta' Massa li jintrabtu mal-istaġuni, fosthom *Weraq tal-Ħarifa* (2014). L-azzjoni sseħħ fi spazji differenti, kemm lokalment kif ukoll lil hinn minn xtutna, fosthom f'Malta, fi Franza u fl-Ingilterra, kollha spazji li l-awtur ġarrab fl-ewwel persuna. Temi għal qalb

Massa huma s-safar, flimkien mal-imħabba, ir-rispett lejn il-ġenituri u bejn il-miżżewġin. Dan ifakkar li Massa dejjem kien favur it-tixrid ta' valuri pożittivi. Huwa jżewwaq ir-rakkont b'ingredjenti oħrajn bħall-għira (dik li kapaċi tifred anki lill-aħwa), il-ħbiberija, iż-żwieġ, il-libertinaġġ, ix-xewqa għall-maternità, il-biża' mill-baħar, it-traġedja, it-twelid u l-mewt, l-uġigħ li jħossu l-ġenituri li jikbru fl-età u jaraw lil uliedhom jitilqu mid-dar, l-omosesswalità, u oħrajn. Stilistikament Massa jżewwaq ir-rumanz tiegħu b'siltiet narrattivi, deskrittivi, riflessivi u oħrajn fejn jaħkem id-djalogu bejn il-personaġġi. F'*Vaganzi Sajfin* Alfred Massa joffrilna storja sempliċi, ġeneralment b'nisġa lineari mingħajr bosta sorpriżi, li żgur tiġi apprezzata minn min iħobb tip ta' qari mexxej. Huwa wkoll rumanz adattat għal min iħobb rakkont moqri fuq ir-radju. Matul ir-rumanz ma jintużax lingwaġġ laxk bħalma sirna nsibu normalment f'rumanzi kontemporanji. Wara t-taħbila u t-taħbita tal-ħajja Massa jippreferi jagħtina tmiem hieni fejn wara l-maltemp joħroġ il-bnazzi.




## AFORIŻMI - ĠABRA TA' AFORIŻMI, ASSJOMI, SKARTATURI U LOGĦOB BIL-KLIEM

**Alfred Palma, 2017**

Isem Alfred Palma jintrabat l-aktar mal-qasam tat-traduzzjoni. Huwa qaleb għall-Malti xogħlijiet ta' Dante Alighieri, William Shakespeare, Oscar Wilde, Voltaire, u oħrajn; u għall-Ingliż xogħlijiet ta' għadd ta' kittieba Maltin. Però, Palma huwa wkoll l-awtur ta' numru ta' xogħlijiet oriġinali, fosthom rumanzi, ġabriet ta' novelli u poeżiji. Din id-darba Palma ssorprendina b'ġabra oriġinali ta' aforiżmi, assjomi, skartaturi u logħob bil-kliem, għalkemm kif niskopru mill-Kelmtejn Qabel, din mhix l-ewwel pubblikazzjoni ta' din in-natura ta' Palma stess. Basta wieħed isemmi *A Book of Wit*, ippubblikat fl-Ingilterra fl-1990, u *...What was I saying? A Book of Wit* (1996). L-aforiżma hija sentenza qasira li fiha hemm magħsurin osservazzjonijiet u tiġrib min-naħa tal-awtur. Kitbiet ta' din ix-xeħta qrajna ħafna mill-pinna ta' Oscar Wilde, awtur apprezzat ħafna minn Palma. Issa dan tal-aħħar qed jippreżentalna numru mdaqqas ta' sentenzi jew riflessjonijiet qosra li għandhom kemm mill-umoriżmu kif ukoll mill-ispirtu pront maħsubin u miktubin b'ilsien art twelidna stess. Hekk jikteb fil-bidu tal-ktieb Palma: "F'dan il-ktieb isaltan suprem iċ-ċiniżmu, li jifforma parti integrali mill-karattru tiegħi; iżda hemm ukoll l-element qawwi ta' umaniżmu satiriku, li jien ma nużax biex inwaġġa' iżda biex ngħallem, u fl-istess waqt innissel tbissima jew daħka, toniċi tant meħtieġa fil-ħajja mqallba, sfrenata u kaotika tal-lum." Palma jikteb ukoll li, "il-biċċa l-kbira tal-aforiżmi li jinsabu f'dan il-ktieb huma ħolqien tiegħi; oħrajn huma adattamenti minn awturi kbar li, minbarra dik it-tingiża għall-ġid, riedu jinqdew bihom ukoll biex jgħallmu u fl-istess ħin jiddevertu lill-qarrejja, jew lis-semmiegħa, tagħhom." Nagħlaq billi nikkwota xi aforiżmi inklużi f'din il-pubblikazzjoni ġdida: "L-akbar traġedja ta' ħajti kienet li dejjem ħabbejt lil min qatt ma seta' jħobbni u kont maħbub minn min qatt ma stajt inħobb!"; "Raġel neħħilu l-kelma... U timmutah!"; "Illum l-ambjent sar prijorità... Għall-esplojtazzjoni!"; "Is-soċjetà normalment tinjora għal kollox lill-artist f'ħajtu, biex imbagħad tibnilu monument wara mewtu!"; u fl-aħħar nett, "Idħaq, u d-dinja tidħak miegħek; ibki u d-dinja tidħak bik!"